*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,068, 24 ta' April, 2007*
*Taqsima B*

**A.L. 115 ta' l-2007**

## ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

### Ordni ta' l-2007 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, ta' l-1992, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għamlet dan l-Ordni li ġej:

**1.** It-titlu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2007 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp. Titlu u bidu fis-seħħ.

**2.** (1) F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsiriet u interpretazzjoni.

"abitazzjoni" tfisser post ta' abitazzjoni għal familja waħda u tinkludi, iżda mhix limitata għal, dar (*terraced house*), villa, *bungalow*, appartament, *penthouse*, mezzanin (*maisonette*) jew kantina li titħalla tintuża għal skopijiet residenzjali skond ma hemm approvat fil-*Policy* dwar il-Kontroll ta' Żvilupp u dwar il-Gwida fid-Disinn;

"Area ta' Konservazzjoni Urbana", hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa AKU, tfisser ċentru storiku (qalba tar-raħal) kif indikat fi pjan regolatur jew pjan lokali jew f'*policies* ta' l-ippjanar oħrajn approvati;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp; Att I ta' l-1992.

"l-Awtorità", tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

"'Il Barra miż-Żoni ta' Żvilupp", aktar 'il quddiem imsejjħa ODZ, tfisser art li tinsab 'il barra mill-konfini taż-żoni ta' żvilupp skond pjan regolatur jew pjan lokali;

"bini mħares" tfisser bini li huwa meqjus bħala żona mħarsa fih innifsu;

"dikjarazzjoni ta' l-ippjanar ambjentali" tfisser dikjarazzjoni ta' l-ippjanar ambjentali magħmula skond l-Att jew skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"impronta" tfisser l-ispazju li jinsab 'il ġewwa mill-ħitan esterni ta' bini f'livell terran, inklużi btieħi interni, xaftijiet, terrazzini jew btieħi magħluqin għal kollox jew ċirkondati mill-bini, iżda esklużi terrazzini, btieħi, ġonna u l-artijiet pavimentati madwar xi pixxina, li ma jkunux għal kollox magħluqin jew ċirkondati mill-bini;

"inkroċju fuq bosta livelli" tfisser post fejn żewġ toroq jew aktar jgħaddu minn fuq xulxin;

"konfini ta' triq" tfisser art li tikkonsisti fi triq, misraħ, pjazzetta, sqaq, trejqa, pont jew bankina, li jkunu diġà eżistenti;

"dan l-Ordni" tinkludi l-Iskedi li huma mehmużin ma' dan l-Ordni;

Att X ta' l-1988. "pjan regolatur" tfisser skema ta' ippjanar magħmula u approvata skond l-Att ta' l-1988 dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji), kif aġġornata;

"pjan ta' żvilupp" tfisser u tinkludi il-Pjan ta' Struttura, pjani dwar materji, pjani ta' azzjoni, u struzzjonijiet ta' żvilupp;

"*Policy* dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp u Gwida għad-Disinn" tfisser id-*Development Control Policy and Design Guidance 2005*, mingħajr preġudizzju għall-bidliet jew reviżjonijiet fih li tkun approvat l-Awtorità;

"proprjetà skedata" tfisser kull area, bini, struttura, fdalijiet, formazzjoni ta' blat jew ambjent b'karatteristiċi ġeoloġiċi oħra, tħaffir jew ħofra, siġra individwali jew grupp ta' siġar jew masġar li jkunu skedati skond l-artikoli 46, 47 u 48 ta' l-Att. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, kull art indikata jew dikjarata bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni jew inkella dikjarata bħala protetta taħt l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, għandha titqies bl-istess mod bħal proprjetà skedata;

"sena kalendarja" tfisser żmien ta' tnax-il xahar li jibda minn dakinhar meta jinbeda l-iżvilupp jew l-użu jew xi intervent marbut magħhom, skond liema jseħħ l-ewwel;

"skema għall-immaniġġar tat-traffiku" tfisser kull skema li tinkludi xogħol jew interventi bil-għan li tikkontrolla, taffettwa jew tibdel, id-direzzjoni tat-traffiku, kemm jgħaddi traffiku, u l-mezzi ta' moviment tat-traffiku ta' vetturi jew ta' nies fit-toroq; u tinkludi, għalkemm mhix limitata biss għall-bdil ta' inkroċji stradali jew bankini, l-ipparkjar ta' vetturi, restrizzjonijiet fuq l-ipparkjar, it-tgħabbija u l-ħatt, il-ħolqien ta' żoni pedonali u l-istallazzjoni ta' dwal għall-immaniġġar tat-traffiku u postijiet mnejn jaqsmu n-nies;

"skema għat-titjib tal-gallariji" tfisser skema msemmija hekk, jew kull skema oħra bħalha, sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għat-tiswija u tibdil ta' gallariji ta' l-injam f'lokalitajiet partikolari;

"l-istess stil, għamla u materjali", tfisser l-istil u għamla, u t-tip, forma u kulur tal-materjali li huma użati fl-istrutturi li jkunu se jitbiddlu, u "l-istess stil" jew "stil differenti" għandhom jiġu interpretati bl-istess mod;

"studju dwar l-impatt ambjentali" tfisser studju ta' l-impatt ambjentali magħmul skond l-Att jew skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"xifer ta' għolja" tfisser tarf ta' għolja, jew ta' art għolja oħra, fejn art pjuttost watja jew b'pendil baxx tmiss ma' ġenb ta' wied, ġenb ta' għolja, rdum, sies jew art oħra b'pendil qawwi;

"żoni mħarsa" tfisser kull post jew żona oħra li huma identifikati biex jiġu protetti, imħarsa, jew ippreservati skond il-*policies* tal-Pjan ta' Struttura jew ta' xi Pjan Lokali jew skond xi *policies* oħra, fosthom inħawi ta' importanza arkeoloġika, ekoloġika, ġeoloġika, ġeomorfoloġika, idroloġika, paleontoloġika, arkitettonika, storika, artistika jew ta' antikità, jew ta' ġmiel naturali, jew ta' interess xjentifiku, flimkien ma' kull żona partikolari mħarsa taħt l-Att. L-Arei ta' Konservazzjoni Urbana huma esklużi minn din it-tifsira, mingħajr preġudizzju għal kull żona mħarsa oħra li jisporġu fuq dawk l-Arei ta' Konservazzjoni Urbana.

(2) F'dan l-Ordni, il-kliem u frażijiet imfissra fl-Att għandu jkollhom l-istess tifsir bħalma għandhom fl-Att.

(3) (i) F'dan l-Ordni, kull fejn jissemma żmien ta' 30 jum, dak iż-żmien għandu jitqies bħala wieħed li jeskludi l-perjodu ta' għeluq ta' l-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

(ii) Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, il-perjodu ta' għeluq ta' l-uffiċċji ta' l-Awtorità għandu jkollu l-istess tifsir bħal dak mogħti fl-Ordni ta' l-2002 dwar il-Perjodu ta' Għeluq ta' l-Uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (Eżenzjoni mill-Perjodu msemmi fl-Artikolu 36).

A.L. 269 ta' l-2002.

(4) (i) Fil-każ ta' proprjetà skedata li diġà tħaddan fiha żona protettiva ta' lqugħ (*Buffer Zone*), kif ukoll fil-każ ta' Arei ta' Sbuħija tal-Pajsaġġ (*Area of High Landscape Value*), kull distanza ta' lqugħ ta' 30 metru msemmija fl-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Ordni m'għandiex tibqa' tgħodd.

(ii) Fil-każ ta' bini diġà eżistenti fuq proprjetà li mhix ODZ u li hi skedata jew imħarsa biss minħabba affarijiet li jinsabu taħt l-art, u jekk l-iżvilupp ġdid jew dak ippjanat ikun lokalizzat kollu kemm hu 'l fuq mill-art, il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tieħu post kull restrizzjoni li kieku tkun tirriżulta minn dan l-iskedar jew ħarsien, u l-provvedimenti tas-subartikolu 5(5) m'għandhomx jgħoddu.

(iii) Fil-każ ta' proprjetà li mhix ODZ u li hi skedata jew imħarsa biss minħabba l-valur tal-pajsaġġ, kull restrizzjoni fuq żvilupp permess li tirriżulta minn dan l-iskedar jew ħarsien, ma tgħoddx għal:

(a) trinkar jew xogħol ieħor taħt l-art li ma jibdilx wiċċ l-art b'mod permanenti, basta l-art titreġġa' lura minnufih u għal kollox għall-istat li kienet fih qabel malli x-xogħlijiet jitlestew; u

(b) bidliet interni li ma jibdlux id-dehra tal-bini minn barra. Il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tiġi segwita, u l-provvedimenti tas-subartikolu 5(5) m'għandhomx igħoddu.

(iv) Kull fejn hemm opinjonijiet differenti, jew xi lok ta' interpretazzjoni, dwar jekk żvilupp:

(a) jaqbilx mal-post, kemm estetikament kemm mod ieħor; jew

(b) jaffettwax jew ibiddilx materjalment il-karattru u, jew il-kuntest tal-bini jew post u ta' madwaru; jew

(ċ) jissoddisfax il-ħtiġijiet ta' dan l-Ordni, kemm jekk espliċiti kemm jekk impliċiti, hi l-opinjoni ta' l-Awtorità li għandha tkun tgħodd.

**3.** (1) Qiegħed b'dan jingħata permess għall-iżvilupp għall-Klassijiet ta' żvilupp deskritti fl-Iskeda I li tinsab ma' dan l-Ordni, skond l-eċċezzjonijiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet, regoli, limitazzjonijiet u esklużjonijiet rilevanti. Żvilupp permess.

(2) L-għoti ta' dan il-permess ma jfissirx, la direttament u lanqas indirettament, li qed jingħata permess għal xi żvilupp ieħor li jkun anċillari, jew saħansitra meħtieġ jew inevitabbli, għat-twettiq ta' l-iżvilupp permess, lanqas ma għandu jservi ta' eżenzjoni minn xi ħtieġa oħra skond il-liġi jew minn xi kunsens mingħand terzi persuni, u lanqas ma jeħles lil ebda persuna li tkun qed tikser xi provvediment tal-liġi minn xi obbligu jew responsabbiltà, sew jekk igħoddu waqt it-twettiq tal-permess, sew jekk igħoddu wara dan, kif ukoll jekk minħabba danni kaġunati b'mod involontarju iżda konsegwenzjali.

(3) Il-permess mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jneħħix il-ħtieġa ta' xi permess ieħor, prattika jew kunsens kif mitlub mil-liġi.

(4) (i) Xejn f'dan l-Ordni ma jista' jippermetti żvilupp li jmur kontra, jew b'xi mod jippreġudika:

(a) xi kundizzjoni jew limitazzjoni imposta f'permess ta' l-iżvilupp mogħti abbażi ta' applikazzjoni magħmula skond it-Taqsima IV ta' l-Att, kemm-il darba; jew

(b) xi kundizzjoni jew limitazzjoni imposta f'awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa skond l-Att jew skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent; jew

(ċ) xi deċiżjoni meħuda dwar applikazzjoni jew talba għal tali permess, awtorizzazzjoni jew prattika.

(ii) Xejn f'dan l-Ordni ma jista' jippermetti żvilupp li jkun:

(a) diġà propost f'applikazzjoni magħmula skond it-Taqsima IV ta' l-Att, li tkun għadha qed tiġi ipproċessata, emendata, meqjusa mill-ġdid, jew appellata skond l-Att; jew

(b) jippreġudika l-merti ta' l-ipproċessar, rikunsiderazzjoni jew appell; jew

(ċ) jippreġudika l-merti ta' xi talba għal awtorizzazzjoni jew liċenzja li tkun meħtieġa skond l-Att jew skond l-Att dwar il-

Ħarsien ta' l-Ambjent, jew inkella jippreġudika l-merti ta' xi appell minn deċiżjoni dwarha.

(5) Permess ta' żvilupp taħt dan l-Ordni m'għandux ikun igħodd jekk ikun imur kontra xi *policies* jew pjanijiet jew leġislazzjoni jew linji ta' gwida approvati skond l-Att jew skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, li jkunu jgħoddu fil-waqt tan-notifika; lanqas, m'għandu jservi bħala skuża biex xi ħaġa li tkun saret bi ksur ta' *policies* bħal dawk ma titraġġax lura jew ma terġax tiġi lura f'postha.

(6) Permess maħruġ skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jawtorizzax żvilupp li:

i. jkun jeħtieġ jew jinvolvi l-formazzjoni, it-tqegħid, it-twessiegħ ta' materjal, l-espansjoni, l-estensjoni jew ir-rikostruzzjoni ta' aċċess għal xi triq eżistenti. Din l-esklużjoni ma tgħoddx fejn għandu x'jaqsam żvilupp permess skond Klassi 3 li tinsab fi Skeda I; jew

ii. joħloq ostaklu jew itellef mill-vista tan-nies, jew ikun ta' distrazzjoni għalihom, fi triq li minnha jgħaddi t-traffiku, li jista' jwassal li jkun ta' periklu għal dawn in-nies; jew

iii. jkun jinħtieġ studju dwar l-impatt ambjentali jew dikjarazzjoni ta' ippjanar ambjentali;

iv. kull tip ta' xogħol li jkollu x'jaqsam ma' l-iżvilupp jew li jkun jinvolvi t-twaqqigħ jew ikun jidher li b'mod dirett jew indirett ikun sejjer jikkaġuna ħsara lil:

(a) kull tip ta' ħajt tas-sejjiegħ jew li jkun mibni bil-laqx; jew

(b) giren jew strutturi simili li huma protetti bl-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent; jew

(ċ) strutturi taħt l-art; jew

(d) għerien ; jew

(e) dagħbien; jew

(f) fdalijiet arkejoloġiċi; jew

(g) bini storiku, xelters taħt l-art, jew strutturi storiċi oħrajn li ġew mibnija jew imħaffra taħt l-art; jew

(h) ġwiebi jew mini tal-ilma; jew

v. li jwassal għall-qerda, qlugħ mill-għeruq, jew ħsara għal siġar eżistenti, sakemm dawn ix-xogħlijiet ma jkunux approvati mill-awtoritajiet kompetenti.

(7) Il-provvedimenti ta' artikolu 39A ta' l-Att għandhom japplikaw fejn jidħlu permessi ta' żvilupp maħruġa skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

**4.** Jekk, fl-opinjoni ta' l-Awtorità, xi żvilupp deskritt fl-Iskeda I li tinsab ma' dan l-Ordni m'għandux jitwettaq sakemm ma jkunx kopert b'permess maħruġ wara li ssir applikazzjoni, l-Awtorità tista' toħroġ avviż fil-Gazzetta sabiex tordna li l-permess mogħti bl-artikolu 3 ma jibqax igħodd għal dak l-iżvilupp. Setgħa li jiġi ristrett żvilupp permess.

**5.** (1) Kull fejn hu indikat f'dan l-Ordni, l-iżvilupp għandu jiġi notifikat lill-Awtorità qabel ma jinbeda x-xogħol, fuq il-formola li tkun provduta mill-Awtorità u li tkun tinkludi dikjarazzjoni tat-titlu ta' l-applikant għall-proprjetà. Ma' din il-formola għandhom jintehmżu: tliet kopji ta' kull pjanta u elevazzjoni meħtieġa; żewġ ritratti ta' kwalità tajba u bil-kulur li jkunu juru sew il-post; u kull dokumentazzjoni oħra rilevanti skond dan l-Ordni jew skond ma tkun teħtieġ l-Awtorità, sabiex id-dettalji mogħtija lill-Awtorità jkunu juru b'mod ċar u korrett: Proċedura ta' notifika.

(i) il-Perit responsabbli skond l-artikolu 97(o) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija; Kap. 10.

(ii) l-iżviluppatur;

(iii) l-post preċiż u l-firxa sħiħa tal-proprjetà ta' l-applikant, u t-titlu ta' l-applikant fuq il-proprjetà. Fejn ikun meħtieġ mill-Awtorità, dawn għandhom ikunu ikkonfermati permezz ta' kopja tal-kuntratt li juri t-titlu rispettiv;

(iv) id-dettalji sħaħ u l-firxa sħiħa ta' dawk ix-xogħlijiet;

(v) il-Klassi li tinsab fi Skeda I li tkun tippermetti l-iżvilupp skond l-Iskeda I ta' dan l-Ordni;

(vi) il-permessi, applikazzjonijiet u notifiki kollha li jkunu jolqtu l-proprjetà ta' l-applikant;

(vii) kull approvazzjoni li tkun meħtieġa mingħand awtoritajiet pubbliċi oħrajn rilevanti, skond kif indikat f'dan l-Ordni. Din għandha tinkludi awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand

l-awtorità kompetenti, flimkien ma’ mappa li tkun turi l-post b’mod ċar (kif ukoll kull dokument ieħor li jkun meħtieġ) u li tkun ukoll ittimbrata u iffirmata mill-awtorità kompetenti b’riferenza għall-ittra ta’ awtorizzazzjoni; u

(viii) l-aċċess għall-post, indikat fuq mappa ta’ l-inħawi, jekk il-post ma jkunx jagħti għal fuq triq pubblika.

(2) Notifika tista’ tkopri xogħlijiet li jaqgħu f’aktar minn Klassi waħda jew f’aktar minn paragrafu wieħed ġo l-istess Klassi, jekk dawn ikunu sejrin isiru fl-istess post, sakemm ma jingħadx mod ieħor f’dan l-Ordni.

(3) (i) L-Awtorità għandha twieġeb bil-miktub għan-notifika u għandha tibgħat lura kopja waħda ta’ kull pjanta iffirmata b’mod li juri b’mod ċar:

(a) jekk ix-xogħlijiet humiex permessi jew le; u

(b) liema xogħlijiet huma permessi. F’każ ta’ xi differenza bejn xi pjanti approvati u l-provvedimenti rilevanti ta’ dan l-Ordni li jkunu komunikati fir-risposta ta’ l-Awtorità, ikunu dawn ta’ l-aħħar li jipprevalixxu.

(ii) Kull fejn ikun hemm ħtieġa ta’ notifika skond il-paragrafu 5(1), u mingħajr preġudizzju għal kull provvediment ta’ dan l-Ordni, l-iżvilupp għandu biss jitqies bħala permess ladarba l-iżviluppatur ikun mexa mal-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu u l-Awtorità jew:

(a) tikkonferma li l-iżvilupp huwa permess; jew inkella

(b) ma tkunx avżat lill-iżviluppatur bil-miktub, sa 30 jum minn meta tkun irċeviet in-notifika valida, li l-iżvilupp jeħtieġ permess skond it-Taqsima IV ta’ l-Att.

(iii) Jekk ix-xogħlijiet mhumiex permessi, l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet dettaljati għad-deċiżjoni tagħha. Jekk ix-xogħlijiet huma permessi, il-permess għandu jkun validu għal sena kalendarja li tibda mid-data ta’ l-awtorizzazzjoni uffiċjali mill-Awtorità jew, fin-nuqqas ta’ tali awtorizzazzjoni, mid-data li fiha jiskadu t-30 jum imsemmija hawn qabel.

(4) Jekk żvilupp ikun twettaq mingħajr in-notifika meħtieġa skond is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, u dak l-iżvilupp ikun għal kollox konformi ma’ l-eċċezzjonijiet, limitazzjonijet u kundizzjonijiet

kollha rilevanti ta' dan l-Ordni, in-notifika dwar dak l-iżvilupp għandha titqies bħallikieku kienet notifika bil-quddiem skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, sakemm ma jingħadx mod ieħor f'dan l-Ordni.

(5) Kull fejn:

(i) żvilupp jitwettaq mingħajr in-notifika meħtieġa skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew

(ii) tkun saret notifika u l-Awtorità ma tkunx wieġbet għan-notifika, u dak l-iżvilupp:

(a) ma jkunx skond il-*policies* jew pjanijiet jew leġislazzjoni approvat skond l-Att jew skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, jew

(b) ma jkunx muri tajjeb, u b'mod komplet u tassew ċar fin-notifika, l-Awtorità xorta jkollha l-jedd li twaqqaf ix-xogħlijiet u, jew li tieħu azzjoni ta' infurzar jew azzjoni oħra, skond l-Att.

(6) Kull fejn żvilupp jitwettaq wara li l-validità tal-permess stipulata f'dan l-artikolu tkun skadiet, jew wara li l-Ordni dwar l-Iżvilupp li tippermettih tkun tħassret, l-Awtorità xorta jkollha l-jedd li twaqqaf ix-xogħlijiet u, jew li tieħu azzjoni ta' infurzar jew azzjoni oħra, skond l-Att.

(7) (i) Fil-każ ta' żvilupp li jkun jinvolvi jew jeħtieġ xogħlijiet ta' trinkar, l-iżviluppatur jew il-kuntrattur imqabbad minnu għandu japplika għall-permess tat-trinkar skond ma l-Awtorità tistabbilixxi minn żmien għal żmien. Dan il-provvediment għandu jgħodd ukoll għal xogħlijiet biex xi komunikazzjoni domestika (jew xi komunikazzjoni bħalha) mas-servizzi infrastrutturali pubbliċi eżistenti tiġi provduta, imsewwija, mibdula, jew miżmuma fi stat tajjeb.

(ii) Applikazzjoni għall-permess tat-trinkar għandha titqies bħallikieku kienet notifika skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ġaladarba:

(a) tkun ġiet sottomessa lill-Awtorità u tkun tissoddisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (ii), (iv) u (vii) ta' l-istess subartikolu; u

(b) ix-xogħlijiet ikunu għal kollox taħt triq legalment eżistenti jew bankina legalment eżistenti. It-tweġiba elettronika ta' l-Awtorità għal tali applikazzjoni għandha titqies bħala tweġiba

bil-miktub għan-notifika skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u d-disposizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan l-artikolu għandhom ikunu jgħoddu.

(iii) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Ordni, l-eżenzjonijiet mill-ħtieġa ta' notifika li jidhru f'dan l-Ordni, kif ukoll il-provvedimenti kollha rilevanti ta' dan l-Ordni, għandhom ikunu jgħoddu wkoll għall-awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità għal xogħlijiet ta' trinkar.

Ihassar A.L. 126 ta' l-2001 u A.L. 127 ta' l-2001.

**6.** L-Ordni ta' l-2001 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp, u l-Ordni ta' l-2001 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp (Eżenzjonijiet), huma b'dan imħassrin.

# SKEDA I

## KLASSIJIET TA' ŻVILUPP PERMESS

**(Artikolu 3)**

## WERREJ GĦAL SKEDA I

| | |
|---|---|
| **Klassi 1** | **Bidliet f'bini eżistenti u żvilupp fil-konfini tal-bini** |
| 1(i) | Bidliet interni |
| 1(ii) | Bidliet jew tibdil fl-aperturi |
| 1(iii) | Tankijiet ta' l-ilma u tagħmir anċillari |
| 1(iv) | Pannelli solari u fotovoltajċi |
| 1(v) | Ċmieni u ventilaturi |
| 1(vi) | Bjar jew ġwiebi |
| 2(i) | Tkabbir ta' bini b'abitazzjoni waħda |
| 2(ii) | Tkabbir ta' bini b'aktar minn abitazzjoni waħda |
| 2(iii) | Tkabbir ta' bini li mhux residenzjali |
| 2(iv) | Strutturi fuq il-bejt |
| 2(v) | Ċnut ta' opramorti |
| 2(vi) | Bdil fil-fetħa ta' bibien, twieqi, u ftuħ ieħor simili |
| 2(vii) | Bdil ta' galleriji ta' l-injam |
| 2(viii) | Kantini |
| 2(ix) | Żvilupp fil-btieħi ta' wara |
| 3(i) | Pixxini |
| 4-6 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 2** | **Xogħlijiet żgħar** |
| 1(i) | Ħitan tal-parapett u ħitan bħalhom madwar ġonna u żoni ta' rikreazzjoni |
| 1(ii) | Ħitan li jdawru art mhux żviluppata li tagħti għal fuq triq |
| 1(iii) | Bini jew tibdil ta' ħitan tas-sejjieħ fuq art agrikola |
| 1(iv) | Tiswija ta' ħitan eżistenti |
| 1(v) | Manutenzjoni u tiswija ta' binjiet jew strutturi oħrajn |
| 1(vi) | Bdil jew stallazzjoni ta' impjant u makkinarju |
| 1(vii) | Tagħmir għas-sorveljanza u sigurtà, u tagħmir żgħir bħalu |
| 1(viii) | Żbigħ tal-faċċata ta' barra ta' bini jew struttura |
| 2(i) | Issanar ta' żvilupp mibni skond għamla ta' riflessjoni f'mera tal-pjanti approvati |
| 2(ii) | Tagħmir għal arja kondizzjonata |
| 2(iii) | Bdil jew bini mill-ġdid ta' soqfa |

| | | |
|---|---|---|
| **Klassi 3** | **Għemil, tfassil, tibdil jew titjib ta' toroq minn aġenziji tal-Gvern, Kunsilli Lokali, u entitajiet oħrajn appuntati minnhom** |
| | 1(i) | Toroq u bankini fil-konfini ta' pjan regolatur |
| | 1(ii) | Twessiegħ, titjib jew manutenzjoni ta' toroq eżistenti |
| | 1(iii) | Titjib jew tibdil ta' inkroċji |
| | 1(iv) | Dwal għall-immaniġġar tat-traffiku |
| | 1(v) | Tisbiħ jew irranġar ta' *roundabouts, traffic islands* u *centre strips* |
| | 2 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 4** | **Żvilupp infrastrutturali żgħir** |
| | 1(1)(i) | Riċipjenti ta' l-iskart |
| | 1(1)(ii) | Arbli tad-dawl, bankijiet pubbliċi, laned taż-żibel, *bollards*, barrikati u strutturi bħalhom |
| | 1(1)(iii) | Kaxxi postali, magni għal servizzi awtomatiċi u *vending machines* |
| | 1(1)(iv) | Kabini jew kaxxi tat-telefon |
| | 1(2) | Riċipjenti ta' l-iskart f'ODZ |
| | 1(3) | Provvedimenti ġenerali |
| | 2(1)(i) | Kabini jew kaxxi tal-biljetti |
| | 2(1)(ii) | Riċipjenti għal separazzjoni ta' l-iskart |
| | 2(2) | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 5** | **Żvilupp relatat ma' servizzi infrastrutturali pubbliċi** |
| | 1(i) | Tiswija ta' servizzi |
| | 1(ii) | Żvilupp taħt l-art għall-provvista ta' l-ilma, drenaġġ, u tqegħid ta' kanen u *cables* |
| | 1(iii) | Stallazzjoni ta' linji ta' servizz individwali |
| | 2(i) | Stallazzjoni għal stazzjonijiet tal-*booster*, u ta' kompartimenti għall-valvoli, kompartimenti għall-arloġġ tad-dawl jew ta' l-ilma u kompartimenti għal tagħmir ta' swiċċijiet |
| | 2(ii) | Tappieri tad-dranaġġ 'il fuq mil-livell ta' l-art |
| | 2(iii) | Kanali għall-ilma tax-xita |
| | 2(iv) | Kanali għas-servizzi infrastrutturali |
| | 2(v) | Stallazzjoni ta' *Feeder pillars* u *service pillars* |
| | 3-4 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 6** | **Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-trasport pubbliku** |
| | 1(i) | Tabelli marbutin ma' l-operat tal-karozzi tal-linja |
| | 1(ii) | Kenn għall-passiġġieri u barrikati |

| | |
|---|---|
| 2-4 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 7** | **Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjoni** |
| 1(i) | Stallazzjoni jew bdil ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni |
| 1(ii) | Antenni tas-satellita |
| 2-4 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 8** | **Żvilupp li għandu x'jaqsam mal-biedja** |
| 1(i) | Xogħlijiet ta' tqallib ta' l-art, fuq raba' agrikolu li diġà jinħadem |
| 1(ii) | Manutenzjoni mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, ta' toroq fil-kampanja |
| 2(i) | Tqegħid ta' materjal jew ħamrija mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura |
| 2(ii) | Tqegħid ta' ħamrija fuq raba' agrikolu eżistenti |
| 2(iii) | Kaxxi għall-pompa tat-tisqija |
| 2(iv) | Ġwiebi għat-tisqija agrikola |
| 3-4 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 9** | **Tqegħid temporanju ta' inġenji u strutturi għal xogħlijiet ta' żvilupp** |
| 1 | Tqegħid ta' strutturi mobbli, xogħlijiet, impjant u makkinarju |
| **Klassi 10** | **Użu temporanju ta' art** |
| 1(i) | Użu riversibbli ta' xi art kif ukoll kull struttura temporanja meħtieġa għal dan it-tip ta' użu. |
| 2-3 | Provvedimenti ġenerali |
| **Klassi 11** | **Żvilupp li għandu x'jaqsam ma' l-avjazzjoni** |
| 1(i) | Żvilupp fuq art fil-konfini ta' ajruport li tintuża mill-operatur ta' l-ajruport |
| 1(ii) | Żviupp għal servizzi ta' kontroll, navigazzjoni u monitoraġġ tat-traffiku ta' l-ajru |
| 1(iii) | Użu ta' bini fil-konfini ta' ajruport |
| 2(i) | Bini, tibdil jew tkabbir ta' bini lest għall-użu |
| 3 | Provvedimenti ġenerali |

**Klassi 12** **Tidwil ta' bini, strutturi u toroq**

1 Tidwil estern ta' bini, strutturi u toroq

2-3 Provvedimenti ġenerali

**Klassi 13** **Esplorazzjoni u sondaġġ minerali u ġeoloġiku u monitoraġġ ambjentali**

1(i) Tħaffir ta' spieri (*boreholes*) u sondaġġ sesmiku

1(ii) Stazzjonijiet temporanji għall-monitoraġġ ta' l-ambjent

**Klassi 14** **Riżervar ta' art pubblika għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet**

1(i) - (ix) Area riżervata għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet

2-3 Provvedimenti ġenerali

**Klassi 15** **Tined**

1(i)-(iii) Twaqqif ta' tined

2 Tqegħid ta' tined żgħar jew strutturi bħalhom

3-4 Provvedimenti ġenerali

## KLASSI 1

***Bidliet f'bini eżistenti u żvilupp fil-konfini tal-bini***

1. Bla ħsara għall-artikolu 4 ta' din il-klassi, u ta' dawk il-kondizzjonijiet u l-eċċezzjonijiet applikabbli, li ġaladarba jkunu skond ir-regolamenti sanitarji eżistenti u skond il-*Policy* dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp u Gwida għad-Disinn, dan l-iżvilupp huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1), kemm-il darba ma jingħadx mod ieħor:

(i) Bidliet interni li jeskludu kwalunkwè xogħlijiet li:

(a) ma jżidux l-għadd ta' abitazzjonijiet;
(b) ma jżidux l-għadd ta' ħwienet kummerċjali u d-daqs ta' l-area;
(ċ) ma jżidux l-għadd ta' postijiet mhux residenzjali;
(d) ma jbiddlux l-użu tal-bini;
(e) ma jkunx hemm rikostruzzjoni ta' soqfa; u

Fil-każ ta' bidliet interni f'bini li mhux skedat jew imħares li jinsab f'propjetà skedata jew f'żona mħarsa, f'AKU jew f'ODZ, għandha tiġi applikata il-proċedura tan-notifikazzjoni kif stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3). Bidliet interni f'bini mħares jew bini li fih innifsu huwa proprjetà skedata mhux permess.

(ii) (a) Tibdil fi, jew bdil ta', aperturi bħal twieqi, bibien, gallariji (għajr gallariji ta' l-injam), gradi u elementi bħalhom u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2(vi) ta' din il-Klassi; kif ukoll

(b) it-twaħħil ta' vireg għas-sigurtà, twieqi tal-ħadid li jisporġu 'l barra, jew kontraporti; sakemm dawn ix-xogħlijiet: ma jbiddlux il-karattru u, jew il-kuntest tal-bini u ta' l-inħawi ta' madwaru.

Il-proċedura tan-notifikazzjoni kif stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tapplika f'AKU, f'ODZ, f'bini mħares, u fi proprjetà skedatat u l-provvediment ta' subartikolu 5(5) ma għandux japplika jekk il-bini jkun skedat jew mħares.

F' każ ta' xogħlijiet f'post li qiegħed ġo AKU, ODZ, żona mħarsa jew fil-limitu ta' 30 metru bogħod minn propjetà skedata dawn għandhom:

(a) isiru fl-istess stil disinn u materjal skond il-gwida tad-disinn applikabbli għal dik iż-żona; u

(b) ma għandux jitħalla mhux miżbugħ (dan jinkludi aluminju lewn il-bronż, lewn il-fidda jew lewn id-deheb) jew fi stil, disinn u kulur li jispikka, jew b'materjal ieħor, ankè fejn kien diġà jeżisti.

(iii) Tankijiet ta' l-ilma, flimkien mat-tagħmir tagħhom u l-paraventu meħtieġ biex jgħattihom.

(iv) Pannelli għax-xemx u t-tagħmir tagħhom, jew pannelli foto-voltajċi u t-tagħmir tagħhom.

(v) Ċmieni jew ventilaturi għal kull użu li mhux industrijali

(vi) Bjar għall-ilma jew ġwiebi għall-ilma li jkunu anċillari ma' bini eżistenti u għal kollox 'il ġewwa mill-konfini tiegħu. Il-bir jew ġiebja m'għandhomx:

(a) ikunu ogħla minn 1.2 metru 'l fuq mil-livell ta' l-art, meta mkejla minn barra;

(b) jaqbżu area totali ta' 100 metru kwadru bħala area totali meta mkejla minn barra; u

(ċ) qatt iservu, jew joħolqu, xi spiera li ma tkunx awtorizzata mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi skond il-liġi.

L-iżvilupp deskritt f'dan il-paragrafu mhuwiex permess ġo proprjetà skedata jew f'żoni mħarsa jew f'żona msemmija f'artikolu 5 ta' din il-klassi. F'każ li l-iżvilupp jinsab f'ODZ:

jekk il-ġiebja jkollha parti minnha biss taħt l-art, l-area totali tagħha m'għandhiex taqbeż is-36 metru kwadru meta mkejla minn barra, u l-għoli tagħha ma għandux jaqbeż il-1.2 metri mill-livell tal-ħamrija. F'dan il-każ il-ġiebja ma għandhiex tissaqqaf;

jekk il-ġiebja tkun kollha kemm hi taħt l-art, il-ġiebja jew bir għandhom isiru taħt bini jew area pavimentata eżistenti.

2. Bla ħsara għall-artikolu 4 ta' din il-klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-klassi, ħlief ġo proprjetà skedata, jew f'żona msemmija f'artikolu 5 ta' din il-klassi, jew ODZ (ħlief għal *Category 1 Settlements* kif spjegat fil-Pjan Lokali) sakemm ma jingħadx xort' oħra f'dan l-Ordni, ġaladarba l-iżvilupp ikun skond ir-regolamenti sanitarji eżistenti u skond il-*Policy* dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp u Gwida għad-Disinn. Għandha tkun segwita l-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3):

(i) Tkabbir ta' bini b'abitazzjoni waħda, sew jekk ikunu fl-impronta eżistenti tal-bini sew jekk le, li ma jkunux fuq il-livell tal-bejt. Il-kopertura tas-sit, u l-limitazzjonijiet tal-għoli li jkunu jgħoddu għall-post m'għandhomx jinqabżu, u l-estensjonijiet m'għandhomx joħolqu abitazzjoni separata.

(ii) Tkabbir li ma jaqbiżx l-għoli eżistenti ta' l-aħħar sular abitabbli u li ma jkunx fuq il-livell tal-bejt, għal bini li jkun fih aktar minn abitazzjoni waħda u li jkun użat biss bħala residenzi u li ma jkunx jinsab f'AKU. Il-kopertura tas-sit u l-limitazzjonijiet tal-għoli li jkunu jgħoddu għall-post m'għandhomx jinqabżu, u l-estensjoni m'għandhiex toħloq abitazzjoni ġdida separata.

(iii) Tkabbir ta' darba biss, fuq bini eżistenti li mhuwiex abitazzjoni, skond ma tippermetti l-*Policy* dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp u Gwida għad-Disinn. Dan il-paragrafu ma jgħoddx jekk l-iżvilupp se jkun anċillari għal bini jew użu industrijali u l-post ikun jinsab 'il barra mill-art maħsuba għal żvilupp industrijali fi pjan regolatur jew pjan lokali.

(iv) Struttura fuq il-bejt ta' bini kif permessa fil-*Policy* dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp u Gwida għad-Disinn.

(v) Ċnut ta' l-opramorta fuq bejt jew appoġġ, li ma jkunux mal-faċċata ta' bini ġo AKU. L-għoli ta' ħajt ta' appoġġ fuq bejt irid ikun jibda nieżel sa ma jiltaqa' ma' l-għoli taċ-ċint ta' l-opramorta fuq il-faċċata. F'każ ta' ħitan fuq il-faċċata, għandhom ikunu:

(a) mhux aktar minn 1.2 metri 'il fuq mill-art tal-bejt; u

(b) mibnija fl-istess stil tal-faċċata u li jkunu estetikament jaqblu ma' l-post ta' madwarhom.

(vi) Bdil fid-daqs, stil, forma, posizzjoni jew numru ta' bibien, twieqi, u fetħiet oħrajn bħalhom (għajr gallariji ta' l-injam) fuq faċċata waħda, jew fuq aktar faċċati, ta' xi bini li mhux bini mħares, sakemm:

(a) ma jbiddilx materjalment il-karattru u, jew il-kuntest tal-bini u ta' l-inħawi ta' madwaru;

(b) ma jinvolvux il-ħolqien ta' garaxx jew ta' xi aċċess għall-vetturi; u

(ċ) ikunu skond kif stabbilit fil-paragrafu 1(ii) ta' din il-Klassi.

(vii) Il-bdil ta' gallariji ta' l-injam bl-istess stil, għamla u materjal tradizzjonali diġà eżistenti, ankè jekk ġo proprjetà skedata jew ODZ; u m'hi meħtieġa ebda notifika kif stabbilita fis-subartikolu 5(1) ġaladarba l-bdil tal-gallarija jkun ġie miftiehem skond skema għat-titjib tal-gallariji;

(viii) Livell wieħed ta' kantina taħt bini eżistenti, bitħa fuq wara, jew parapett fuq quddiem ta' bini diġa' eżistenti sakemm:

(a) ma joħloqx aċċess ġdid għal triq;

(b) jintuża għal skopijiet anċillari għall-użu eżistenti tal-bini;

(ċ) kull fejn in-naħa ta' wara tal-bini tkun tagħti għal fuq xifer ta' għolja jew tkun max-xifer ta' żona ta' żvilupp skond pjan regolatur jew tkun fil-limitu ta' 30 metru minn xatt il-baħar, il-kantina tkun għal kollox taħt l-impronta tal-bini jew inkella tkun testendi 'l barra mill-impronta sa taħt l-area tal-parapett ta' quddiem biss; u

(d) F'każ li l-bini jkun villa jew *bungalow*, il-kantina għandha tkun limitata biss sa l-impronta tal-bini biss; u

(e) jekk se jkun anċillari għal bini industrijali, ma jkunx 'il barra minn art maħsuba għal żvilupp industrijali fi pjan regolatur jew f'xi pjan lokali.

(ix) Binjiet jew strutturi fil-bitħa ta' wara, għal ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-abitazzjoni, kif ukoll il-manutenzjoni, titjib jew bdil ieħor ta' xi binja jew struttura bħal din. M'għandhomx:

(a) jaqbżu area totali ta' 9.3 metri kwadri meta mkejla minn barra, li jinkludu wkoll kull bini jew struttura oħra li jinsabu fl-istess bitħa; lanqas

(b) ikunu ogħla minn 2.5 metri ’l fuq mil-livell ta’ l-art eżistenti; lanqas

(ċ) ikollhom aċċess permanenti għal fuq il-bejt; lanqas

(d) ikunu jinsabu ’l ġewwa mil-limitu minimu permissibbli tal-bitħa ta’ wara kif imfisser fl-artikolu 6 ta’ din il-Klassi; u lanqas m’għandhom

(e) ikunu jinsabu fil-bitħa ta’ proprjetà li tkun ODZ jew inkella f’bitħa li tkun ODZ.

3. Bla ħsara għall-artikolu 5 ta’ din il-klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, ħlief jekk ikun fi proprjetà skedata, jew ODZ , (ħlief għal *Category 1 Settlements* kif spjegat fil-Pjan Lokali) jew f’żona mħarsa, jew fil-limitu ta’ 30 metru minn xatt il-baħar, sakemm tkun segwita il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3):

(i) Il-ħolqien ta’ pixxina, fil-konfini ta’ bini eżistenti ankè jekk ġo AKU, flimkien mal-ġibjun u kaxxa għall-pompa anċillari, ħlief fuq il-bejt ta’ bini, u sakemm:

(a) l-iżvilupp ma joħroġx fuq xi art mhux żviluppata mal-kosta, jew fuq xi qiegħ ta’ wied jew mogħdija ta’ l-ilma, jew fuq xi art oħra li ma tkunx diġà żviluppata jew ma tkunx magħluqa għal kollox fil-konfini ta’ l-iżvilupp li tagħmel parti minnu.

4. (i) Ħlief fejn jingħad mod ieħor, kull żvilupp mhux residenzjali li huwa deskritt f’din il-Klassi mhux permess jekk:

(a) jirriżulta f’żieda ta’ unitajiet separati jew f’xi bdil fl-użu; jew

(b) jeħtieġ żieda fil-faċilitajiet tal-parkeġġ.

(ii) Kull fejn in-naħa ta’ wara tal-bini tkun tagħti għal fuq xifer ta’ għolja jew tkun max-xifer ta’ żona ta’ żvilupp skond pjan regolatur jew tkun fil-limitu ta’ 30 metru minn xatt il-baħar, kull żvilupp fuq il-bjut kif permess taħt din il-Klassi għandu jkun irtirat lura mill-anqas 3 metri mill-faċċata ta’ wara tas-sular ta’ taħtu, sakemm ma jkunx jinsab wara opramorta eżistenti li taħbih u ma jkunx ogħla mill-opramorta.

(iii) Kull struttura mibnija, deskritta f’din il-klassi, li tkun ’il fuq mill-art ġo AKU u tkun tidher minn barra l-bini, għandha tkun mibnija bil-ġebla Maltija jew tkun fuq il-fil jew ikollha lewn il-ġebla.

(iv) Qtugħ jew tindif drastiku fix-xogħol tal-ġebel permezz ta’ *grit-blasting, sand-blasting*, pressa ta’ ilma qawwija, arja tal-kompressur, xkatlar jew brix estensiv, jew interventi simili oħrajn li jistgħu jagħmlu ħsara lil xi bini (jew struttura) ta’ valur storiku, jew ta’ valur kulturali, m’humiex permessi.

5. Minkejja il-provvedimenti ta' din il-klassi, l-iżvilupp li ġej mhux permess f'AKU tal-Belt Valletta, Floriana, Mdina, Rabat, Bormla, l-Isla u l-Birgu ġewwa Malta, ir-Rabat (Belt Victoria) u ċ-Ċittadella ġo Għawdex:

i. estensjonijiet kif permessi fi Klassi 1 artikolu 2 ta';

ii. strutturi fuq il-bejt kif permessi fi Klassi 1 artikolu 2 ta';

iii. Bdil fid-daqs, stil, forma, pożizzjoni jew numru ta' bibien, twieqi, u fetħiet oħrajn bħalhom (għajr gallariji ta' l-injam) fuq faċċata waħda, jew fuq aktar faċċati, kif permessi fi Klassi 1 artikolu 2 ;

iv. Kantini kif permessi fi Klassi 1 artikolu 2;

v. ġwiebi u bjar kif permessi fi Klassi 1 artikolu 2;

vi. pixxini bil-ġwiebi u kmamar tal-pompi anċillari kif permessi fi Klassi 1 artikolu 3.

6. Għall-finijiet ta' żvilupp permess taħt din il-klassi:

"bini" jfisser bini residenzjali, lukanda, jew bini mhux residenzjali li jintuża għal skopijiet li jaqgħu taħt il-Klassijiet 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12 ta' l-Ordni ta' l-1994 dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

"limitu minimu permissibli tal-bitħa ta' wara" tfisser li, sakemm il-liġi jew l-awtoritajiet sanitarji ma jippermettux mod ieħor, il-bitħa ta' wara m'għandhiex tkun inqas mill-qisien indikati hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 10 piedi | (3.05 metri) | jekk hemm pjan terran biss, jew pjan terran u l-ewwel pjan |
| 13-il pied | (3.96 metri) | jekk hemm pjan terran u 2 pjani oħra |
| 16-il pied | (4.88 metri) | jekk hemm pjan terran u 3 pjani oħra |
| 19-il pied | (5.79 metri) | jekk hemm pjan terran u 4 pjani oħra |
| 22 pied | (6.70 metri) | jekk hemm pjan terran u 5 pjani oħra |
| 25 pied | (7.62 metri) | jekk hemm pjan terran u 6 pjani oħra |
| 28 pied | (8.53 metri) | jekk hemm pjan terran u 7 pjani oħra |
| 31 pied | (9.45 metri) | jekk hemm pjan terran u 8 pjani oħra |

"ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-abitazzjoni" jinkludu, fost oħrajn, it-trobbija ta' tiġieġ, annimali domestiċi, għasafar jew bhejjem oħra għall-ħtiġijiet domestiċi jew għat-tgawdija personali ta' l-abitanti tar-residenza.

"livell tal-bejt" tfisser il-livell ta' l-aktar parti baxxa tal-bejt li fuqha se tinbena l-istruttura u, sakemm ma jingħadx xort'oħra fil-paragrafu rispettiv, tirreferi għall-

bejt ewlieni u diġà eżistenti tal-bini u mhux għall-bejt ta' xi kamra tal-ħasil, xi struttura oħra, xi tromba tal-*lift*, xi tromba/kaxxa tat-taraġ, jew xi *penthouse* ;

"struttura tal-bejt" tinkludi kmamar residenzjali fuq il-livell tal-bejt, ta' djar u mezzanini li jkunu skond il-provvedimenti tal-*policy* dwar il-kontroll ta' l-iżvilupp u dwar il-gwida fid-disinn li jkunu jgħoddu fil-waqt tan-notifika; kmamar tal-ħasil; kmamar għall-makkinarju u *lifts*; u tronob tat-taraġ.

## KLASSI 2

### *Xogħlijiet żgħar*

1. Bla ħsara għall-artikolu 3, u għall-kundizzjonijiet u l-eċċezzjonijiet ta' din il-klassi, u sakemm dawn ikunu konformi mal-*policy* dwar il-kontroll ta' l-iżvilupp u dwar il-gwida fid-disinn, jew f'xi *policy* relevanti oħra, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, ħlief fi proprjetà skedata u mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1), sakemm ma jingħadx mod ieħor f'dan l-Ordni:

(i) Ħitan tal-parapett, ħitan madwar ġonna u żoni ta' rikreazzjoni, mibnijin jew imtellgħin mill-ġdid, kif ukoll it-twaqqigħ jew tneħħija ta' xi ħajt bħal dan ġaladarba ma jitbiddilx il-karattru u, jew il-kuntest tal-bini jew ġnien u ta' l-inħawi ta' madwaru. Ix-xogħlijiet għandhom ikunu limitati biss għall-ħajt innifsu mingħajr ebda tibdil sostanzjali fil-parapett jew ġnien jew f'xi parkeġġ jew dħul għall-vetturi, u m'għandhomx jikkawżaw ħsara lil ebda struttura li fil-fehma ta' l-Awtorità jista' jkollha valur bħala wirt kulturali jew ikun jistħoqqilha li ssir proprjetà skedata. Il-provvedimenti ta' dan il-paragrafu ma jgħoddux jekk il-post ikun jinsab ODZ. Il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd jekk il-post ikun qiegħed f'żona mħarsa jew f'AKU jew fil-limitu ta' 30 metru bogħod minn proprjetà skedata.

(ii) Ħitan mibnija madwar art mhux żviluppata li tagħti għal fuq triq, li tkun tinsab għal kollox fil-konfini taż-żoni ta' żvilupp skond pjan regolatur jew pjani lokali, u li ma tkunx ODZ. Il-ħajt għandu jinbena bil-ġebla Maltija, skond il-linja uffiċċjali u m'għandux ikun ogħla minn 2.4 metri. Il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd, għajr jekk il-ħajt ikun għal kollox skond dettalji u parametri miktubin oħra li jkunu jirregolaw id-disinn, li jkunu approvati mill-Awtorità bil-quddiem.

(iii) Il-bini jew bdil ta' ħitan tas-sejjieħ fuq raba' agrikola eżistenti jew matul triq li tkun legalment eżistenti, li jsiru għal kollox bis-sejjieħ u mingħajr ebda tikħil, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti maħruġin taħt l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent. Il-ħajt għandu jirrispetta għal kollox it-topografija tal-post u l-pajsaġġ. Matul it-tul kollu tiegħu, il-ħajt m'għandux ikun ogħla minn:

(a) 1.2 metru 'il fuq mil-livell tal-ħamrija fuq iż-żewġ naħat; jew

(b) fil-każ ta’ livelli differenti fuq art bi ħbula mtarrġa, 1.2 metru ’l fuq mill-ogħla livell tal-ħamrija u 2.4 metri mil-livell l-aktar baxx tal-ħamrija.

Jekk il-ħajt ikun jagħti għal fuq xifer ta’ għolja jew ikun max-xifer ta’ żona ta’ żvilupp jew ikun jagħti għal fuq art mhix żviluppata mal-kosta, il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd sakemm ħajt bħal dak ikun jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) m’għandux ikun ogħla minn 2.4 metri, inkluża kull parti mikxufa tal-pedament, ’il fuq mil-livell tal-ħamrija fuq in-naħa ta’ barra tal-ħajt;

(b) jekk il-ħajt jew l-iżvilupp relatat miegħu jkun imiss ma’ xi bini ieħor, il-ħajt m’għandux ikun sporġut ’il barra aktar mill-ħajt tal-bini l-ieħor, u lanqas m’għandu jwassal biex xi parti mill-iżvilupp tkun sporġuta ’l barra aktar mill-ħajt tal-bini l-ieħor; u

(ċ) il-fond tal-bini meta mkejjel sal-ħajt imsemmi f’dan il-paragrafu m’għandux ikun ta’ aktar minn 25 metru mil-linja uffiċċjali tal-bini.

(iv) It-tiswija ta’ ħajt huwa permess taħt din il-Klassi, sakemm dawn ix-xogħlijiet ma jikkaġunawx bdil fl-għoli jew karattru tal-ħajt eżistenti.

(v) Il-manutenzjoni jew tiswija ta’ binjiet u strutturi oħrajn, sakemm dawn ix-xogħlijiet ma jikkaġunawx:

(a) it-twaqqigħ u bini mill-ġdid ta’ binjiet jew strutturi sħaħ jew ta’ parti mdaqqsa minnhom; u

(b) ibiddlu materjalment il-karattru u, jew il-kuntest tal-binja jew struttura u ta’ l-inħawi ta’ madwarha.

F’AKU jew ODZ, il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd, filwaqt li fil-każ ta’ bdil fl-elementi tal-bini għandhom jinżammu l-istess materjal, disinn u metodu ta’ kostruzzjoni.

(vi) Il-bdil jew stallazzjoni ta’ impjant u makkinarju għal skop industrijali, f’bini industrijali jew fuq art fil-konfini ta’ bini industrijali, basta l-impjant jew makkinarju ma jagħtix lok għal bidla fil-proċessi, operat jew attivatijiet oħra li jkunu awtorizzati għal dak il-post. Jekk l-impjant jew makkinarju jkun fuq art fil-konfini tal-bini, m’għandux la:

(a) jaqbeż l-għoli ta’ 15-il metru ’l fuq mil-livell ta’ l-art jew inkella l-għoli ta’ kulma jkun qed jinbidel, skond liema jkun l-akbar; u lanqas

(b) ikun eqreb minn 5 metri mill-konfini tal-post. Dan il-paragrafu ma jgħoddx jekk il-bini jew art industrijali jkunu jinsabu ’l barra mill-art maħsuba għal żvilupp industrijali fi pjan regolatur jew pjan lokali.

(vii) It-twaħħil ta’ *cameras* għas-sorveljanza, tagħmir għas-sigurtà, u tagħmir ieħor żgħir bħalhom, ankè jekk ġo proprjetà skedata, kemm-il darba dan ikun jaqbel estetikament ma’ l-inħawi. Jekk ikun se jsir ġo AKU jew ODZ, ma jkunx jispikka minħabba li minn barra jkun magħmul minn metall mhux miżbugħ (inkluż aluminju lewn id-deheb, lewn il-fidda jew lewn il-bronż) jew minħabba li jkollu xi kulur ieħor li jistona fid-dehra.

(viii) Żbigħ minn barra ma’ bini jew xogħlijiet sakemm :

(a) ma jkunx għal skopijiet ta’ reklamar, avviż jew direzzjoni

(b) ikun kompatibbli fil-kuntest tat-triq

2. Bla ħsara għall-artikolu 3, u għall-kundizzjonijiet u l-eċċezzjonijiet ta’ din il-klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, ħlief fi proprjetà skedata sakemm ma jingħadx mod ieħor hawn taħt, mingħajr notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1), iżda jekk il-post ikun f’xi żona mħarsa jew f’AKU jew ODZ jew fil-limitu ta’ 30 metru minn proprjetà skedata, il-proċedura stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd:

(i) L-issanar ta’ żvilupp li jkun mibni skond riflessjoni f’mera (*mirror image*) tal-pjanti approvati, basta jkun jinsab fil-konfini taż-żoni ta’ żvilupp skond pjan regolatur jew pjan lokali u jkun tlesta qabel is-sena 2006, u sakemm il-bidliet ma jbiddlux materjalment il-karattru u, jew il-kuntest tal-bini u ta’ l-inħawi ta’ madwaru.

(ii) Tagħmir għall-arja ikkundizzjonata fuq barra tal-bini, sakemm ma jitwaħħalx fil-parapett jew f’xi bitħa fuq quddiem, jew fuq xi faċċata li tħares fuq xi triq, jew fejn ikun jidher minn xi triq;

(iii) Il-bdil jew bini mill-ġdid ta’ soqfa li ma jinkludix u ma jikkawżax it-twaqqiegħ jew bdil ta’ ħitan jew il-bdil ta’ l-għoli tas-saqaf minn barra. Jekk il-bini huwa bini mħares, jew qiegħed f’AKU jew ODZ jew fi proprjetà skedata, iżda mhuwiex, minnu nnifsu, il-proprjetà skedata:

(a) il-bdil jew bini mill-ġdid għandu jżommu l-istess forma, stil, għamla u materjal; jew inkella għandu jkunu limitat biss għal bdil b’saqaf ieħor magħmul minn xorok u travi ta’ l-injam jew kileb; jew (ħlief fil-każ ta’ bini mħares) għandu jkunu limitat għal bdil ta’ saqaf magħmul minn travi tal-ħadid (*rolled steel joists*) u xorok b’saqaf ieħor tal-konkos;

(b) il-provvedimenti tas-subartikolu 5(5) m’għandhomx igħoddu.

3. Għall-finijiet ta' żvilupp permess taħt din il-klassi:

(i) Kull fejn in-naħa ta' wara tal-bini ikun jagħti għal fuq xifer ta' għolja jew ikun max-xifer ta' żona ta' żvilupp jew ikun fil-limitu ta' 30 metru bogħod mill-kosta, (sakemm ma jkunx mgħotti b'xi ħajt ta' parapett) żvilupp fuq il-bejt ta' bini kif permess taħt din il-klassi għandu jkun irtirat ta' lanqas tlett metri il-ġewwa mill-faċċata ta' wara tas-sular ta' taħt.

(ii) Kull struttura permessa spjegata f' din il-klassi li tkun 'il fuq mill-livell ta' l-art f'AKU u li tidher minn barra tal-bini, trid tkun mibnija bil-ġebla Maltija jew fuq il-fil.

(iii) Tbaqqin jew tindif drastiku tal-ġebel permezz ta' *grit-blasting*, *sand-blasting*, pressa ta' ilma qawwija, arja tal-kompressur, xkatlar jew brix estensiv, jew interventi simili oħrajn li jistgħu jagħmlu ħsara lil xi bini (jew struttura) ta' valur storiku, jew ta' valur kulturali, m'humiex permessi.

## KLASSI 3

***Għemil, tfassil, tibdil jew titjib ta' toroq minn aġenziji tal-Gvern, Kunsilli Lokali u entitajiet oħrajn imqabbdin minnhom.***

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' artikolu (2) ta' din il-klassi, l-iżvilupp msemmi hawn taħt huwa permess mingħajr il-ħtieġa ta' notifika skond il-provvediment f' sub-artikolu 5(1) sakemm ma jingħadx mod ieħor.

(i) L-għemil jew tfassil ta' toroq u bankini kif indikati fi pjan regolatur, u l-ħolqien jew tibdil ta' bankini fil-konfini ta' l-iżvilupp.

(ii) It-twessigħ, titjib jew manutenzjoni ta' xi triq eżistenti li jsir fil-konfini tat-triq, ħlief fil-każ fejn it-triq jew il-bankina eżistenti li għandhom wiċċ tal-ġebel, f'liema każ għal dawn ix-xogħlijiet il-proċedura tan-notifika kif stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd;

(iii) It-titjib jew tibdil ta' inkroċji, sakemm ma jinvolvix tibdil f'inkroċju fuq diversi livelli jew xi bdil drastiku fid-direzzjoni tat-traffiku;

(iv) L-istallazzjoni, bdil jew tneħħija ta' dwal għall-immaniġġar tat-traffiku jew sistemi għall-immaniġġar tat-traffiku bħalhom, sakemm dawn ma jkunux imwaħħla ma' xi bini li minnu nniffsu huwa proprjetà skedata, f'liema każ għal dawn ix-xogħlijiet il-proċedura tan-notifika kif stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd;

(v) Joħloq ostaklu viżwali ta' persuni jew ikun ta' tfixkil għall-persuni li jkunu qegħdin fit-triq li tintuża għat-traffiku ta' vetturi, b' tali mod li x'aktarx ikun ta' periklu għal tali persuni.

2. Minkejja dak li jissemma fil-provvediment ta' artikolu 1 taħt din il-Klassi, l-iżvilupp imsemmi hemmhekk huwa permess biss jekk:

(i) Ma jinvolvix żieda ta' art mhux żviluppata 'il barra mill-konfini tat-triq;

(ii) Ma taffetwax l-iskema ta' l-iżvilupp tal-bini jew timplika xi differenza mill-linja uffiċċjali;

(iii) ma jikkawżax la b'mod dirett jew indirett xi ħsara lil xi bini storiku, monumenti eżistenti, fdal arkejoloġiku inklużi sotterrani u xeltrijiet, ġwiebi, mini ta' l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u pavimenti tal-ġebel;

(iv) fejn huwa possibli, jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha:

(a) servizzi infrastrutturali għandhom jitqiegħdu taħt l-art mingħajr l-introduzzjoni, stallazzjoni jew twaħħil ta' xi fil 'il fuq mill-livell ta' l-art fuq is-sit jew fl-inħawi; u

(b) fili (*wires*) eżistenti 'il fuq mill-livell ta' l-art flimkien ma' servizzi infrastrutturali oħrajn li bħalissa qegħdin 'il fuq mill-livell ta' l-art, għandhom jitqiegħdu taħt l-art.

## KLASSI 4

### *Żvilupp infrastrutturali żgħir*

1. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikli (2) u (3) ta' din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, mingħajr il-ħtieġa ta' notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1), iżda jekk il-post ikun f'AKU jew fi propjetà skedata jew fil-limitu ta' 30 metru bogħod minnha, jew f'xi żona mħarsa għajr jekk il-proprjetà skedata jew żona mħarsa tkun tħaddan fiha belt sħiħa jew raħal shiħ jew inkella parti mdaqqsa minn belt jew raħal il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd.

(i) il-bini, tqegħid, manutenzjoni, bdil jew titjib ieħor ta' riċipjenti ta' l-iskart, fosthom kontenituri għall-ġbir differenzjat taż-żibel jew kontenituri bħalhom, huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1), bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Fil-każ ta' kontenituri għall-ġbir differenzjat taż-żibel, kull riċipjent m'għandux ikun itwal minn 2 metri, usa' minn 2 metri jew ogħla minn 2 metri;

(b) F'każ li r-riċipjenti ma jkunux jistgħu jitqiegħdu direttament fuq it-triq jew fuq il-bankina, jew f'każ li l-wiċċ ta' l-art eżistenti ma jkunx adattat,

dawn jistgħu jitqiegħdu fuq pjattaforma ċatta li ma tkunx ogħla minn 0.15 ta' metru 'l fuq mil-livell tat-triq u li ma tkunx akbar mill-ispazju neċessarju għar-riċipjent. Din il-pjattaforma għandu jkollha qlib tajjeb biex ma tistagħdarx, għandha tkun miksija b'materjal adattat, u għandha tkun miżmuma b'tali mod li: inaqqas l-impatt viżiv, iħaffef it-tindif, u jevita kemm it-tniġġis aċċidentali ta' l-art ta' madwar kif ukoll it-tniġġis li jista' jinħoloq jekk xi materjal imniġġes jinġarr ma' l-ilma għal fuq l-art ta' madwar;

(ċ) Il-post fejn titqiegħed il-faċilità ma għandux ikun jeħtieġ it-tneħħija ta', jew ħsara lil, xi: siġar eżistenti, ħitan tas-sejjiegħ u strutturi bħalhom, uċuħ naturali tal-blat, fdalijiet arkeoloġiċi, jew kwalunkwè struttura jew karatteristika oħra lil hinn mill-art okkupata minn triq, jew bankina jew pavimentar bħalhom, eżistenti;

(d) Għandu jiġi provdut mill-inqas parkeġġ wieħed riservat għat-tagħbija jew ħatt fuq il-post, għal vettura tal-ġbir jew vettura li tkun qegħda tuża l-faċilità, u dan mingħajr ma jitnaqqas il-passaġġ għall-vetturi jew il-wisa' nett tal-karreġġata tat-triq għal anqas minn 4.8 metri;

(e) Ir-riċipjenti għandhom iħallu mill-anqas metru mill-wisa' tal-bankina mingħajr ebda ingombru;

(ii) Il-bini jew twaħħil, u l-manutenzjoni, bdil jew titjib ieħor, ta' arbli tad-dawl, bankijiet pubbliċi, laned taż-żibel jew riċipjenti żgħar bħalhom li jkunu jaqdu postijiet rikreattivi jew passaġġi għall-pubbliku, *bollards*, barrikati u jew strutturi bħalhom;

(iii) It-tqegħid ta' kaxxi postali, magni li jagħtu servizz awtomatiku u *Automated Teller Machines*, jew ta' *vending machines* li jkunu skond il-*policies* u linji ta' gwida approvati; u

(iv) It-twaħħil jew tqegħid ta' kaxxi jew kabini tat-telefon, basta l-istruttura ma taqbiżx area ta' metru kwadru ($1m^2$) u għoli ta' 2.4 metri meta mkejla minn barra.

(2) Bla ħsara għall-provvedimenti u l-limitazzjonijiet tas-subartikolu 1(i) ta' din il-klassi, żvilupp permess li jaqa' taħtha għal siti f'ODZ, jista' jsir biss f'sit li jagħti għal fuq triq li hija parti mill-konfini ta' l-iskema ta' l-iżvilupp jew tinsab f' parkeġġ eżistenti, basta l-iżvilupp permess ikun:

(a) direttament aċċessibbli mingħajr diffikulta minn triq jew parkeġġ, mingħajr il-ħtieġa ta' ħolqien ta' aċċess ġdid jew modifikat jew il-ħtieġa ta' xi operat għat-tfassil tas-sit;

(b) kompletament magħluq fil-konfini tat-triq, jew bankina jew fuq art pavimentata bħalhom;

(ċ) mgħotti b'mod adegwat u sensittiv sabiex kemm jista' jkun inaqqas mill-impatt viżiv.

(3) Kull żvilupp deskritt fis-subartikoli (1)(i) u (2) ta' dan l-artikolu m'huwiex permess fl-inħawi li ġejjin:

(a) Maġenb triq arterjali jew distributriċi, jew fil-limitu ta' 30 metru minn inkroċju ma' triq arterjali jew distributriċi, jew fil-limitu ta' 30 metru minn *roundabout* li tkun fuq triq arterjali jew distributriċi, għajr jekk il-faċilità tkun tintlaħaq bla periklu; u

(b) Fil-limitu ta' 5 metri minn xi abitazzjoni jew bini li fih inniffsu huwa skedat.

(ċ) Jekk il-post ikun fi proprjetà skedata jew fil-limitu ta' 30 metru bogħod minnha, jew f'xi żona mħarsa li ma tħaddanx fiha belt sħiħa jew raħal sħiħ jew inkella parti mdaqqsa minn belt jew raħal.

2. (1) L-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi fiż-żoni kollha skond il-proċedura tan-notifika kif stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3):

(i) It-tqegħid ta' kabini għal bejgħ ta' biljetti skond il-pjan strateġiku lokali kif approvat bil-quddiem mill-Awtorità, li fih hemm spjegat id-disinn, u distribuzzjoni ta' dawn il-faċilitajiet.

(ii) Il-provvediment tal-kontenituri ta' l-iskart differenzjat, flimkien ma' l-avviżi ta' reklamar bħala parti minn din il-faċilità skond il-pjan strateġiku lokali kif approvat bil-quddiem mill-Awtorità, li fih hemm spjegat id-disinn, u distribuzzjoni ta' dawn il-faċilitajiet.

(2) Kull żvilupp permess taħt artikolu 2 ta' din il-klassi:

(a) għandu ikollu l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

(b) għandu jkun estetikament jaqbel ma' l-inħawi; fil-każ ta' żvilupp fuq il-bankina, għandu jitħalla passaġġ ta' mhux inqas minn metru wisa'.

(ċ) ma għandux jikkawża la b'mod dirett jew indirett xi ħsara lil xi bini storiku, monumenti eżistenti, fdal arkeoloġiku inklużi sotterrani u xeltrijiet, ġwiebi, mini ta' l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u pavimenti tal-ġebel;

(d) ma għandux jinvolvi bini, kostruzzjoni jew stallazzjoni jew introduzzjoni ta' fili 'il fuq mill-livell ta' l-art.

## KLASSI 5

### *Żvilupp li għandu x'jaqsam ma' servizzi infrastrutturali pubbliċi*

1. Bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' l-artikolu 3 ta' din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess fiż-żoni kollha taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1):

(i) It-twettiq ta' xogħlijiet temporanji għal spezzjonar, manutenzjoni, tiswija jew tiġdid ta' xi katusa tad-drenaġġ jew katusa oħra, kanna, *cable* jew ta' xi tagħmir ieħor, kif ukoll it-tħaffir ta' xi art imbattma jew ħamrija għal dak il-għan, basta l-art titraġġa' lura minnufih u għal kollox għall-istat li kienet fih qabel malli x-xogħlijiet jitlestew.

(ii) Kull żvilupp taħt il-livell ta' l-art inkluż tħaffir li jkun meħtieġ għal:

(a) il-provvista ta' l-ilma jew għall-ħarsien, monitoraġġ, tqassim mill-ġdid jew tkattir tar-riżorsi ta' l-ilma;

(b) it-tqegħid, titjib, manutenzjoni jew tiswija ta' katusi tad-drenaġġ jew komunikazzjoni tad-dranaġġ jew tagħmir li għandu x'jaqsam magħhom; jew

(ċ) il-manutenzjoni jew tiswija ta' xi bokka tad-dranaġġ, jew ta' impjant għat-tisfija tad-dranaġġ jew ta' ġibjun anċillari; jew

(d) it-tqegħid taħt l-art ta' kanen, *cables* jew tagħmir ieħor. L-art għandha titraġġa' lura minnufih u għal kollox għall-istat li kienet fih qabel malli x-xogħlijiet jitlestew:

Iżda jekk il-post ikun ġo proprjetà skedata jew fil-limiti ta' 30 metru bogħod minnha jew f'żona mħarsa, il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd.

(iii) L-istallazzjoni ta' linji għas-servizz lill-klijenti individwali minn linja ta' servizz, u inklużi xogħlijiet ta' tħaffir għal dan il-għan, basta l-art titraġġa' lura minnufih u għal kollox għall-istat li kienet fih qabel malli x-xogħlijiet jitlestew. Il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) m'għandhiex tgħodd għajr jekk il-post ikun jinsab fi proprjetà skedata jew fil-limitu ta' 30 metru minnha, jew inkella ġo żona mħarsa.

2. Bla ħsara għall-artikolu 3 ta' din il-klassi l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1). Iżda f'każ li l-iżvilupp ikun jinsab ġo żona mħarsa jew fi proprjetà skedata jew fil-limitu ta' 30 metru minn proprjetà skedata, jew inkella ġo AKU jew ODZ sakemm ma jingħadx xort'oħra, il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd:

(i) L-istallazzjoni, f'sistema infrastrutturali pubblika, ta' stazzjon tal-*booster*, jew inkella ta' kompartiment għall-valvoli, kompartiment għall-arloġġ tad-dawl jew ta' l-ilma, jew kompartiment għal tagħmir ta' swiċċijiet, sakemm l-istallazzjoni ma tinvolvix xi żvilupp 'il fuq mil-livell ta' l-art f'AKU jew ODZ.

(ii) Il-bini, stallazzjoni jew titjib ta' tappieri tad-drenaġġ 'il fuq mil-livell ta' l-art, sakemm dawn ma jaqbżux:

(a) area ta' metru kwadru (1m$^2$) imkejla minn barra; jew

(b) għoli ta' metru (1m) imkejjel minn barra mil-livell ta' l-art. Jekk jinsabu f'ODZ, l-istrutturi li jkunu 'l fuq mil-livell ta' l-art għandhom ikunu disinjati sabiex jitnaqqas l-impatt viżiv fuq l-inħawi tal-madwar.

(iii) It-tqegħid, bini jew tiġdid ta' passaġġ għall-ilma jew gandott għall-ilma tax-xita, dorga għall-ilma tax-xita, miżieb jew katusa mnejn ifur l-ilma, jew ġibjun għall-ilma tax-xita li jkun għal kollox taħt karreġġata ta' triq jew bankina jew art pavimentata bħalhom. L-iżvilupp m'għandux ikun jinvolvi l-kanalizzazzjoni ta' mġieri naturali jew widien.

(iv) It-tqegħid, tħaffir, estensjoni jew tkabbir ta' kanali għas-servizzi infrastrutturali, għat-titjib, razzjonalizzar, immaniġġar jew spezzjonar ta' servizzi li jkunu taħt l-art, sakemm l-art li ssaqqaf il-kanal tkun taqbel mal-wiċċ ta' l-art ta' madwarha u jekk tkun ODZ tkun taqbel ma' l-inħawi tal-madwar.

(v) L-istallazzjoni ta' *feeder pillars* jew *service pillars* (iżda mhux arbli) sakemm, jekk jitqiegħdu fuq il-bankina, dawn iħallu mill-anqas metru mill-wisa' tal-bankina mingħajr ebda ingombru.

3. Minkejja dak kollu li hemm fil-provvediment ta' l-artikoli 1 u 2 ta' din il-klassi, l-iżvilupp spjegat hemmhekk huwa permess biss jekk:

(i) Ma jinvolvix żieda ta' art mhux żviluppata li tkun qiegħda 'il barra mill-konfini ta' triq, sew jekk din tkun diġa' eżistenti sew jekk din tkun għadha ippjanata;

(ii) ma jikkawżax la b'mod dirett jew indirett xi ħsara lil xi bini storiku, monumenti eżistenti, fdal arkeoloġiku inklużi sotterrani u xeltrijiet, ġwiebi, mini ta' l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u pavimenti tal-ġebel; u

(iii) jinkludi il-miżuri kollha meħtieġa sabiex fejn ikun possibbli:

(a) servizzi infrastrutturali għandhom jitqiegħdu taħt l-art mingħajr l-introduzzjoni, stallazzjoni jew twaħħil ta' xi fil 'il-fuq mill-livell ta' l-art fuq is-sit jew fl-inħawi; u

(b) fili (*wires*) eżistenti 'il-fuq mill-livell ta' l-art flimkien ma' servizzi infrastrutturali oħrajn li bħalissa qegħdin 'il-fuq mill-livell ta ' l-art, għandhom jitqiegħdu taħt l-art.

4. Għall-finijiet ta' din il-klassi, żvilupp għas-servizzi infrastrutturali pubbliċi, tfisser u tinkludi xogħlijiet relatati mal-provvista pubblika ta' l-ilma, drenaġġ, maniġġar ta' l-ilma tax-xita, xogħlijiet għall-provvista ta' l-elettriku u telekomunikazzjoni.

**KLASSI 6**

***Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-trasport pubbliku***

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 2 u 3 ta' din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, iżda mhux fi proprjetà skedata jew f'żoni mħarsa kemm-il darba l-proprjetà skedata jew żona mħarsa ma tkunx tħaddan fiha belt sħiħa jew raħal sħiħ jew inkella parti mdaqqsa minn belt jew raħal. Il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd:

(i) L-istallazzjoni ta' tabelli li huma ta' aktar minn 0.5 metri kwadri f'area, relatati ma' tħaddim ta' karozzi tal-linja; u

(ii) It-twaħħil jew tibdil ta' kmamar eżistenti għal kenn tal-passiġġieri, flimkien ma' tabelli li jiffurmaw parti minn tali strutturi, jew ta' barrikati biex jikkontrollaw in-nies li jkunu qed jistennew biex jirkbu karozzi tal-linja, ħlief jekk l-iżvilupp ikun jinvolvi twessigħ ta' xi triq, jew it-teħid ta' art li ma tkunx triq, bankina jew art pavimentata bħalhom.

2. Kull żvilupp permess taħt din il-Klassi:

(a) fil-każ ta' żvilupp fuq il-bankina, għandu jitħalla passaġġ ta' mhux inqas minn metru wiesgħa;

(b) ma għandux jikkawża ebda ħsara lil xi paviment tal-ġebel naturali jew kurduna tal-ġebel jew taraġ tal-ġebel skond xi jkun il-każ;

(ċ) kull tabella permessa taħt subartikolu 1(ii) għandha:

(i) tkun limitata għal 2 metri kwadri u murija fuq iż-żewġ naħat ta' ġenb li jkun imqiegħed kartabun mal-bankina;

(ii) jekk imdawla, tkun mixgħula minn ġewwa u ikkontrollata b'arloġġi awtomatiċi li jitfu d-dawl ma' nofs il-lejl.

3. Għall-finijiet tas-subartikolu 5(1), għandha tiġi ppreżentata man-notifika awtorizzazzjoni, bil-quddiem mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

4. Għall-finijiet ta' din il-klassi, "karozza tal-linja" tfisser vettura għall-ġarr ta' passiġġieri bilqiegħda kif ukoll li jkollha spazju għall-passiġġieri bilwieqfa b'mod li jkunu jista' jsir ċaqliq frekwenti tal- passiġġieri, kif ukoll li jkollha liċenza għall-ġarr ta' passiġġieri b'kiri jew b'kumpens u li tkun reġistrata ma' l-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi bi Skeda biex tagħmel vjaġġi bi skeda.

**KLASSI 7**

***Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjoni***

1. Bla ħsara għall-artikoli 2, 3 u 4 ta' din il-Klassi, kif approvati fil-*policies* u d-dettalji approvati mill-Awtorità l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1). Iżda jekk il-post ikun ġo proprjetà skedata, il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tkun tgħodd:

(i) It-tqegħid jew bdil ta', jew tibdiliet fi, kwalunkwe tagħmir tat-telekomunikazzjoni li jkun fuq bini eżistenti jew għal kollox fil-konfini tiegħu, l-iżvilupp mhuwiex permess jekk ikun jinvolvi:

(a) it-tlugħ ta' bini jew bidliet f'xi bini; jew

(b) l-introduzzjoni ta' arbli biex iġorru fili 'l fuq mill-art u, jew strutturi b' għola minn 10 metri biex isostnu dan it-tagħmir permess; jew

(ċ) ħsara diretta jew indiretta lil xi bini eżistenti li huwa skedat jew monumenti, fdalijiet arkejoloġiċi li jinkludu sotterani, xeltrijiet taħt l-art, ġwiebi, mini ta' l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u paviment tal-ġebel.

(ii) Antenna għas-satellita, meta mqiegħda:

(a) fuq il-bejt ta' bini; jew

(b) fil-konfini tal-bini sakemm ma tidhirx minn ebda triq pubblika.

2. (1) Il-provvedimenti ta' l-artikolu 1 ta' din il-Klassi għandhom ikunu jgħoddu mingħajr preġudizzju għal kull awtorizzazzjoni li tista' tkun meħtieġa mingħand l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u entitajiet kompetenti oħra, kif ukoll għal kull kundizzjoni, limitazzjoni u esklużjoni imposta minnhom.

(2) Il-provvedimenti ta' l-artikolu 1 ta' din il-Klassi ma jgħoddux jekk il-bini:

(a) ikun bini agrikolu jew kamra fil-kampanja jew struttura bħalhom, hu x'inhu l-użu tiegħu; jew

(b) ikun kamra ta' ħdejn il-baħar, gabbana, kamra tan-nar jew struttura bħalhom; jew

(ċ) ikun jinsab ODZ u jintuża, jew ikun maħsub biex jintuża, għall-parkeġġ ta' vetturi jew għat-tqegħid ta' xi makkinarju; jew

(d) ikun proprjetà skedata fih innifsu, jew ikun bini mħares.

3. Il-provvedimenti li ġejjin ukoll għandhom igħoddu għall-iżvilupp deskritt fil-paragrafu 1(ii) ta' din il-Klassi:

(1) Antenna għas-satellita m'għandhiex tkun akbar minn:

(a) 2.2 metri bħala dijametru u 2.5 metri bħala għoli 'l fuq mill-art meta mqiegħda fil-livell tal-pjan terran; u

(b) 1.2 metru bħala dijametru u 1.5 metru bħala għoli 'l fuq mill-art fil-każijiet l-oħra kollha; u

(2) Fil-każijiet kollha, fejn il-post ikun ODZ, jew ikun f'xifer ta' għolja jew fix-xifer taż-żona ta' żvilupp, l-antenni għas-satellita m' humiex permessi fuq "faċċata mikxufa".

4. Għall-finijiet ta' din il-klassi, "faċċata mikxufa", tfisser u tinkludi kull faċċata anke dik ta' wara, li tidher mit-triq jew minn xi art mhux żviluppata jew li tagħti għal fuq xifer ta' għolja, fuq art f' ODZ jew fuq proprjetà skedata.

## KLASSI 8

### *Żvilupp li għandu x'jaqsam mal-biedja*

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1):

(i) It-twettiq ta' xogħlijiet ta' tqallib ta' l-art fuq raba' agrikolu eżistenti u maħdum, li jkunu raġonevolment meħtieġa għall-biedja, fosthom xogħlijiet għat-tisqija tar-raba'. L-iżvilupp li ġej mhux permess sakemm ma jingħadx mod iehor f' artikli oħra hawn aktar 'il quddiem.

(a) it-tlugħ ta' xi bini, jew li jkollhom x'jaqsmu ma' xi bini jew mat-tkabbir intensiv ta' annimali, jew prodotti tar-raba'; jew

(b) il-bini ta' ġiebja; jew

(ċ) il-ħolqien ta' xi għadira; jew

(d) it-tħaffir ta' xi spiera jew mina ta' l-ilma jew xi xogħol ieħor għall-isfruttar ta' nixxigħat naturali eżistenti jew ta' xi mġieri permanenti ta' l-ilma; jew

(e) it-tqegħid ta' materjal fuq xi art sew jekk għall-ħolqien jew titjib ta' raba' agrikolu u sew jekk għal xi għan ieħor; jew inkella

(f) xogħlijiet fuq raba' agrikolu li jkun ġie irreklamat, maħluq jew imkabbar mingħajr il-permessi meħtieġa.

(ii) Il-manutenzjoni ta' toroq eżistenti li jagħtu għall-irziezet, imwettqa minn, jew f'isem, id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Dejjem jekk ix-xogħlijiet ma jinvolvux:

(a) ħruġ 'il barra mill-karreġġata eżistenti tat-triq, jew tqegħid ta' materjal lil hinn mill-karreġġata tat-triq, jew twittija jew reklamazzjoni ta' art; jew

(b) aktar għoli jew espansjoni jew estensjoni jew twittija jew twessiegħ jew kisi bil-konkos lill-wiċċ tat-triq.

2. L-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, sakemm tkun segwita l-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3), u l-provvedimenti tas-subartikolu 5(5) ta' dan l-Ordni ma jkunx japplika ħlief fejn jingħad mod ieħor f'din il-Klassi:

(i) It-tqegħid ta' materjal inert u, jew ħamrija, fuq art li mill-Awtorità titqies bħala art mitluqa li m'għandha ebda valur ekoloġiku jew arkeoloġiku jew xi valur ieħor partikolari għall-Ħarsien ta' l-Ambjent. Dan l-iżvilupp mhux permess fuq ix-xagħri, qigħan tal-widien u mogħdijiet ta' l-ilma.

(ii) It-tqegħid ta' ħamrija fuq raba' agrikolu eżistenti u maħdum, sabiex jittejjeb ir-raba' għall-kultivazzjoni, u li ma jgħollix il-livell eżistenti tal-ħamrija b'aktar minn 0.5 metru. Ebda xogħol kopert minn dan il-paragrafu m'għandu jinvolvi, jikkawża, iwassal għal, jew jissana:

(a) il-qerda, bini, estensjoni, jew żieda fl-għoli ta' ħitan għajr kif indikat fil-paragrafu (iii) ta' l-artikolu 1 ta' Klassi 2 ta' Skeda I; jew

(b) ħruġ 'il barra mill-konfini eżistenti tas-sit, tqegħid ta' materjal 'il hinn mill-konfini tas-sit, twittija jew reklamazzjoni ta' art, jew ħruġ 'il barra għal fuq mogħdijiet ta' l-ilma jew għal fuq art li mhix raba' agrikolu; jew

(ċ) tixrid ta' materjal għal fuq, jew xi ħsara lil, l-inħawi ta' madwar; jew

(d) bdil fit-topografija li jibdel il-karattru jew il-kuntest tal-post jew tal-pajsaġġ ta' madwaru;

(iii) Il-bini ta' mhux aktar minn kaxxa waħda tal-pompa biex taqdi biss spejjer eżistenti li jkunu awtorizzati mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi jew ġwiebi eżistenti li jkunu awtorizzati. Il-kaxxa tal-pompa għandha:-

(a) tkun sa mhux aktar minn metru 'l bogħod mill-ispiera jew ġiebja;

(b) ma taqbiżx għoli 1.1 metru (erba' filati) u area totali ta' 1.5 metru kwadru, ilkoll imkejla minn barra;

(ċ) tkun tinsab f'qasam agrikolu li ma jkun fih ebda strutturi jew binjiet oħrajn ħlief ġwiebi awtorizzati;

(d) tkun maqtugħa fiżikament mill-ħitan tas-sejjiegħ; u

(e) tkun li kull fejn hemm xi diżlivell bejn il-post tal-kaxxa tal-pompa u l-art ta' madwaru, dan l-iżvilupp għandu jkun ta' l-anqas 2 metri 'l bogħod (matul il-perimetru kollu tagħha) mit-tarf li jifred il-post mill-art ta' taħtu.

Għall-finijiet ta' subartikolu 5(1), kif ukoll għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità, huwa meħtieġ li ma' kull notifika mitfugħa (sabiex tinbena kaxxa tal-pompa) irid ikun hemm dokumentazzjoni li tkun tikkonferma l-eżistenza ta' ġiebja li diġa' tintuża jew ta' spiera operattiva li tkun awtorizzata dak in-nhar li tiġi ppreżentata n-notifika. Għaldaqstant, man-notifika għandha tinhemeż awtorizzazzjoni mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi bil-miktub, flimkien ma' mappa li tkun turi l-post b'mod ċar (kif ukoll kull dokument ieħor li jkun meħtieġ) u li tkun ukoll ittimbrata u iffirmata mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi b'riferenza għall-ittra ta' awtorizzazzjoni.

(iv) Ġiebja għat-tisqija, basta din il-ġiebja:

(a) tkun tinsab f'qasam agrikolu u li ma fih ebda ġiebja oħra;

(b) tkun maqtugħa fiżikament minn kull ħajt tas-sejjiegħ li jdawwar il-post; u

(ċ) kull fejn hemm xi diżlivell bejn il-post tal-ġiebja u l-art ta' madwaru, dan l-iżvilupp għandu jkun ta' l-anqas 2 metri 'l bogħod (matul il-perimetru kollu tagħha) mit-tarf li jifred il-post mill-art ta' taħtu.

(d) Jekk il-ġiebja jkollha parti minnha biss taħt l-art, l-area totali tagħha m'għandhiex taqbeż is-36 metru kwadru meta mkejla minn barra, u l-għoli tagħha ma għandux jaqbeż il-1.7 (sitt filati) metri mill-livell tal-ħamrija. F'dan il-każ il-ġiebja ma għandhiex tissaqqaf;

(e) Jekk il-ġiebja tkun kollha kemm hi taħt l-art, l-area totali tagħha m'għandhiex taqbeż il-100 metru kwadru, u tista' tkun imsaqqfa bil-kundizzjoni li s-saqaf tagħha jkun mgħotti b'saff ta' ħamrija kultivabbli li jkun 0.75metru fond.

3. Għall-finijiet ta' din il-klassi dan li ġej m'huwiex permess:

(i) Rimi, ħżin jew tfiegħ ta' materjal għajr dak raġonevolment meħtieġ għat-titjib tar-raba' skond il-provvedimenti ta' dan l-Ordni.

(ii) Xi qsim ta' raba' agrikolu eżistenti.

(iii) Bdil fil-konfini.

(iv) Il-bini, twaħħil, stallazzjoni jew introduzzjoni ta' fili, 'il fuq mill-livell ta' l-art, arbli, arbli tad-dawl jew *pylons*, fuq is-sit jew fl-inħawi madwaru li jservu xi żvilupp taħt din il-klassi.

(v) Xogħlijiet relatati ma' żvilupp li jinvolvi jew jimplika twaqqiegħ; jew jantiċipa ħsara diretta jew indiretta lil xi ħajt tas-sejjiegħ; jew li jkun mibni bil-laqx; jew lil giren; jew strutturi oħrajn protetti taħt l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent. Dan igħodd ukoll għal infrastruttura storika li qiegħda taħt l-art, fdal arkeoloġiku, bini storiku, sotterrani u xeltrijiet, jew strutturi storiċi oħrajn, kemm dawk mibnija kemm dawk maqtugħin fil-blat; ġwiebi u mini ta' l-ilma.

(vi) Xogħlijiet li jinvolvu qerda, qlugħ mill-għeruq u ħsara lil siġar eżistenti.

4. Għall-finijiet ta' din il-klassi:-

"qasam agrikolu eżistenti", tfisser raba' li jkun diġà qiegħed jinħadem legalment meta tinbena l-ġiebja jew kaxxa tal-pompa;

"materjal", jinkludi skart, żibel, ġebel, terrapien, u ħamrija li jiddaħħlu jew jitqiegħdu fuq l-art.

## KLASSI 9

### *Tqegħid ta' Inġenji u strutturi temporanji għal xogħlijiet ta' żvilupp*

1. L-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-klassi mingħajr il-ħtieġa ta' notifika kif stabbilita fis-subartikolu 5(1). Fejn l-operat ikun se jseħħ fi proprjetà skedata jew f' żona mħarsa jew fuq art li hija ODZ, li qiegħda lil hinn mill-konfini tat-triq u lil hinn minn ħamrija li tista' tinħadem, il-proċedura tan-notifika kif stabbilit fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd.

(i) It-tqegħid, fuq xi art, ta’ xi bini, struttura mobbli, opri, impjant jew makkinarju li jkunu meħtieġa temporanjament għal, u matul, xi xogħol li jkun ser isir ġewwa, taħt, jew fuq dik l-istess art inkella fuq art li tmiss magħha sabiex jitwettaq żvilupp li jkun kopert b’permess ta’ l-iżvilupp jew li jkun b’xi permess ieħor mill-Awtorità, jew taħt dan l-Ordni, basta:

(a) tali xogħlijiet ma jkunux jinvolvu minjieri, jew xogħol fil-barrieri; u

(b) fil-każ fejn dawn ix-xogħlijiet ikunu ser joħolqu tfixkil għall-passaġġ pedonali eżistenti, għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jinħoloq passaġġ alternattiv mingħajr periklu skond l-istruzzjonijiet maħruġa mill-awtorità kompetenti; u

(ċ) wara li jkun tlesta x-xogħol it-tqegħid temporanju li jkun sar jitneħħa u l-art titreġġa lura kompletament għall-istat li kienet fih qabel.

(d) ma jikkaġunax ħsara diretta jew indiretta lil xi bini eżistenti li huwa skedat jew lil xi monumenti, fdalijiet arkeoloġiċi li jinkludu sotterani, xeltrijiet taħt l-art, ġwiebi, mini ta’ l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u paviment tal-ġebel.

## KLASSI 10

### *Użi temporanji ġenerali*

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 2 ta’ din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess kullimkien taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1) ħlief meta l-post ta’ l-iżvilupp ikun f’ODZ, fejn il-proċedura tan-notifika kif stabbilita f’ subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tkun tgħodd:

(i) L-użu riversibbli ta’ xi art, kif ukoll l-istrutturi temporanji meħtieġa għal dan l-użu, għal mhux aktar minn 30 ġurnata basta qabel ma jiskadu t-30 ġurnata imsemmija, l-art użata titraġġa’ lura għal kollox għall-istat li kienet fih qabel.

2. Minkejja l-provvedimenti ta’ l-artikolu 1 ta’ din il-Klassi, l-użu ta’ l-art mhux permess jekk l-użu jkun:

(a) għal sit ta’ *caravan*; jew

(b) għal kampeġġ; jew

(ċ) għal tlielaq jew *off-road rallies* ta’ vetturi, karozzi jew muturi, jew għal xi eżerċizzju f’dawn l-avvenimenti u attivitajiet.

3. Minkejja dak kollu li hemm fil-provvedimenti tal-artikoli 1 u 2 ta’ din il-Klassi, l-iżvilupp spjegat huwa permess biss jekk :

(a) Kull struttura temporanja meħtieġa għal dan l-użu ma tkunx tfixkel mill-viżabilità tat-triq u tkun ta’ periklu għan-nies jew għat-traffiku.

(b) Dan l-użu ma jimplika, la b’mod dirett lanqas indirett, ebda ħsara għal xi bini storiku, monumenti eżistenti, fdal arkeoloġiku inklużi sotterrani u xeltrijiet, ġwiebi, mini ta’ l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u pavimenti tal-ġebel.

## KLASSI 11

### *Żvilupp li għandu x’jaqsam ma’ l-avjazzjoni*

1. L-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1):

(i) It-twettiq ta’ żvilupp, inkluż it-tlugħ ta’, jew tibdil ġewwa, bini lest għall-użu fuq xi art lesta għall-użu li tkun fil-konfini ta’ ajruport, minn operatur ta’ l-istess ajruport jew minn xi aġent tiegħu, għas-sevizzi u l-faċilitajiet ta’ l-ajruport, sakemm dan l-iżvilupp ma jkunx:

(a) bini jew tkabbir ta’ xi *runway*; jew ta’

(b) bini, bdil fi, jew tkabbir ta’ bini lest għal użu; b’ mod li l-area tal-bini eżistenti għal użu ma tikbirx b’aktar minn 100 metru kwadru u tkun ogħla minn erba’ metri.

(ii) It-twettiq ta’ żvilupp fuq xi art lesta għall-użu li tkun fil-konfini ta’ l-ajruport, minn operatur jew minn xi aġent tiegħu, għal dawn il-provvedimenti li ġejjin:

(a) servizzi ta’ kontroll tat-traffiku ta’ l-ajru; jew

(b) navigazzjoni ta’ ajruplani li jużaw l-ajruport; jew

(ċ) monitoraġġ tal-moviment ta’ l-ajruplani li jużaw l-ajruport.

(iii) Bdil fl-użu ta’ xi bini fil-konfini ta’ l-ajruport għall-finijiet ta’ servizzi tat-trasport bl-ajru jew ta’ attivitajiet oħra ta’ avjazzjoni fl-ajruport.

2. L-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi, skond il-proċedura tan-notifika kif deskritta fis-subartikoli 5(1) u 5(3), sakemm fl-opinjoni tad-Direttur ta’ l-Avjazzjoni Ċivili, l-iżvilupp huwa meħtieġ b’urġenza għat-tmexxija effiċjenti ta’ l-ajruport:

(i) Il-kostruzzjoni, bdil jew tkabbir tal-bini lest għall-użu ta' l-ajruport.

3. Għall-finijiet ta' din il-Klassi, "art lesta għall-użu", jew "bini lest għall-użu", ifissru art jew bini li jkunu użati, jew meħtieġa, għall-moviment jew manutenzjoni ta' ajruplani, jew għall-imbarkar, żbarkar, tagħbija, ħatt jew ġarr ta' passiġġieri, merkanzija jew bhejjem f'xi ajruport, u li jkunu proprjetà, jew taħt il-kontroll, ta' l-operatur rilevanti ta' l-ajruport.

## KLASSI 12

### *Tidwil ta' bini, strutturi u toroq*

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 2 u 3 ta' din il-Klassi, it-tidwil minn barra ta' binjiet, strutturi, u toroq huwa permess taħt din il-Klassi, għajr jekk il-post jew it-tagħmir tad-dawl għal binjiet u strutturi jinsab ġo AKU; jew ODZ; jew ġo żona mħarsa; jew ġo proprjetà skedata jew fil-limitu ta' 30 metru minnha, fejn il-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3) għandha tgħodd.

2. Minkejja il-provvedimenti ta' l-artikolu 1 ta' din il-Klassi, id-dwal minn barra tal-bini jew strutturi m'humiex permessi jekk it-tidwil:

(a) ma jkunx jaqbel mal-karattru tal-post u, jew iħalli impatt viżiv li ma jkunx aċċettabbli; jew

(b) ikun ODZ u jinvolvi xi dwal lil hinn mit-triq innifisha u, jew dawn ikunu jikkaġunaw xi impatt viżiv mhux aċċettabbli f'area li għandha titħalla ħielsa mid-dwal artifiċjali ta' bil-lejl, jew li ma jkunx jaqbel mal-ħarsien ta' xi flora, fawna jew ekosistemi.

(ċ) ikun jinvolvi dwal għal xi tabella jew riklam, jew jekk dawn ikunu l-għan ewlieni tiegħu; jew

(d) ikun jinvolvi arja li tkun akbar minn binja jew struttura.

3. Għall-finijiet ta' din il-Klassi, it-tidwil temporanju ta' bini u strutturi għall-festi u avvenimenti bħalhom m'għandux jitqies bħala żvilupp.

## KLASSI 13

### *Esplorazzjoni u sondaġġ minerali u ġeoloġiku, u monitoraġġ ambjentali*

1. L-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi mingħajr ebda notifika kif stabbilit fis-subartikolu 5(1):

(i) Żvilupp fuq xi art, li ma jkunx inqas minn 30 metru 'l bogħod minn xi parti ta' bini residenzjali jew bini ieħor mhux kummerċjali, li jkun jikkonsisti fi:

(a) tħaffir ta' spieri mhux maħsuba sabiex jitella ilma tal-pjan; jew

(b) twettiq ta' sondaġġi sismiċi;

Dan l-iżvilupp huwa permess bil-kundizzjoni li l-art titreġġa għall-istat oriġinali tagħha ġaladarba jitlesta x-xogħol.

(ii) It-tqegħid ta' tagħmir jew stazzjonijiet temporanji għall-istudju u monitoraġġ ta' l-ambjent jew ta' l-atmosfera jew tal-baħar, ankè ġo proprjetà skedata jew fil-limitu ta' 30 metru minnha jew f'żona mħarsa, għal mhux aktar minn sena kalendarja, u bil-kundizzjoni li:

(a) ma jwassalx għal xi ħsara jew xi taqlib ieħor importanti fil-post jew fl-ambjent ta' madwaru;

(b) ma jitqiegħedx materjal fuq ix-xagħri jew fuq blat għeri b'tali mod li tista' ssir xi ħsara lill-wiċċ ta' l-art jew titħalla xi ġerħa fl-art; u

(ċ) it-tagħmir jew stazzjon għandu jitneħħa għal kollox u l-art għandha titraġġa' lura għal kollox għall-istat oriġinali tagħha kif kienet qabel ġaladarba it-tagħmir jew stazzjon ma jibqax jintuża.

## KLASSI 14

***Riservar ta' art Pubblika għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet***

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' artikolu 2 ta' din il-Klassi, ir-riservar ta' area jew art pubblika fil-beraħ għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, sabiex jaqdu lil stabbiliment li jaqa' taħt il-Klassi 6 (Ikel u Xorb) ta' l-Ordni ta' l-1994 dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (jew kif dan jista' jiġi emendat aktar tard) huwa permess taħt din il-Klassi sakemm tkun segwita l-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3), u bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Jekk il-post ikun qiegħed f'żona pedonali, ġnien, *promenade* jew belveder, għandu jitħalla passaġġ wiesgħa ta' mill-inqas 1.5 metru, mingħajr ebda ngombru fih, bejn l-art riservata għall-imwejjed u s-siġġijiet u:

(a) kull ostaklu fiżiku jew bini;

(b) kull rampa, tarġa, aċċess jew xifer ta' bankina li jkun intiż biex nies ikunu jistgħu jgħaddu bir-riġel lejn, jew minn, xi triq jew passaġġ pedonali; u

(ċ) fil-każ ta' *promenade* jew belveder, mix-xifer ta' barra tal-*promenade* jew belveder; u

L-art kollha riservata għall-imwejjed u siġġijiet, għandha tkun limitata għal mhux aktar minn kwart tal-wisa' tat-triq, pjazza, sqaq, *promenade* jew belveder (skond il-każ) quddiem l-istabbiliment.

(ii) Jekk il-post ikun qiegħed fuq bankina, għandu jitħalla passaġġ pedonali wiesa' mill-inqas 1.5 metru, mingħajr ebda ingombru fih, bejn l-art riservata għall-imwejjed u s-siġġijiet u x-xifer tal-bankina.

(iii) L-imwejjed u s-siġġijiet m'għandhomx ifixklu il-viżibilità f'xi inkroċju tat-triq jew joħolqu periklu għan-nies jew għat-traffiku;

(iv) L-imwejjed u s-siġġiijiet m'għandhomx ikunu mifrudin mill-istabbiliment li huma jservu, b'xi triq li tintuża mill-vetturi, sakemm ma jkunx approvat mod ieħor mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bil-quddiem u bil-miktub;

(v) L-imwejjed u s-siġġijiet m'għandhomx ifixklu l-aċċess legali eżistenti għal xi proprjetà oħra jew għal xi faċilità eżistenti;

(vi) Kull mezz fiżiku maħsub sabiex jagħlaq l-art riservata għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet għandu:

(a) ikun ta' natura temporanja;

(b) ikun ta' materja u disinn adatt;

(ċ) ma jkunx aktar minn 1.2 metri għoli mill-art.

(vii) F'każ li l-istrutturi kollha permessi taħt din il-klassi jiġu mneħħija, l-art pubblika li ġiet użata trid titraġġa lura fl-istat oriġinali tagħha;

(viii) L-imwejjed u s-siġġijiet ma għandhomx jitqiegħdu fil-konfini tat-triq mnejn igħaddi t-traffiku, jew fuq xi art oħra li dwarha jista' jinħoloq konflitt dwar l-użu legali eżistenti, li jinkludu:

(a) faċilitajiet għas-sajjieda; u

(b) bankijiet pubbliċi.

(ix) Meta notifika tiġi mitfugħha taħt din il-klassi, għandha tinthemeż awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand l-Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu, u oħra mingħand l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport.

2. Minkejja dak kollu li hemm fil-provvediment ta' artikolu 1 ta' din il-klassi, l-iżvilupp deskritt hemmhekk igħodd biss jekk dan ma jimplikax ħsara diretta jew indiretta

lil bini storiku, monumenti eżistenti, fdal arkeoloġiku inklużi sotterrani u xeltrijiet, ġwiebi, mini ta' l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u pavimenti tal-ġebel.

3. Għall-finijiet ta' din il-Klassi,

"żona pedonali" tfisser żona riservata għan-nies bil-mixi, kif ukoll misraħ jew żona oħra li m'hix aċċessibli għall-vetturi, iżda ma tinkludix bankini; u

"*promenade* jew belveder" tfisser żona pedonali f'xifer ta' għolja jew fuq ilqugħ jew fuq sur, jew inkella li tkun tagħti għal fuq xatt il-baħar jew għal fuq wied jew fuq art oħra aktar fil-baxx. "It-tarf ta' barra" ifisser il-ġenb tal-*promenade* jew belveder li jagħti għal fuq ix-xifer ta' l-għolja (jew għal fuq l-ilqugħ, sur, xatt, wied jew art oħra aktar fil-baxx);

"spazju pubbliku" tfisser bankina, misraħ, żona pedonali jew post ieħor li huwa użat l-aktar minn nies bil-mixi; iżda mhux bajjiet u xtut.

"imwejjed u siġġijiet" jinkludu l-istrutturi anċillari tagħhom, fosthom: umbrelel, qsari, pjanti u oġġetti jew ornamenti, kull tagħmir li jsaħħan jew irewwaħ, u tagħmir ieħor bħalu;

"passaġġ pedonali" jinkludi bankini u mogħdijiet bħalhom;

## KLASSI 15

### *Tined*

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' artikolu 3 ta' din il-Klassi, it-twaqqif ta' tined, fuq l-art għal mhux aktar minn 6 xhur f'sena kalendarja huwa permess taħt din il-Klassi, sakemm tkun segwita l-proċedura tan-notifika stabbilita fis-subartikoli 5(1) u 5(3), u b'dawn il-kundizzjonijiet:

(i) l-użu tat-tinda għandu jkun anċillari ma' l-użu ta' l-art li tgħatti u jkun, skond l-opinjoni ta' l-Awtorità, jaqbel mal-post fejn tkun se titwaqqaf it-tinda u ma' l-inħawi ta' madwaru, u m'għandux iwassal għal impatti ambjentali jew viżivi mhux aċċettabli;

(ii) l-istruttura tat-tinda mwaqqfa m'għandhiex ittellef il-viżibilità f'xi inkroċju u m'għandhiex tkun ta' periklu għan-nies jew għat-traffiku;

(iii) qabel ma jiskadu s-sitt xhur imsemmija, l-istruttura għandha titneħħa għal kollox u l-art użata jew milquta għandha titraġġa' lura għal kollox għall-istat li kienet fih qabel.

2. It-twaqqif ta' tined żgħar, trampolini jew strutturi bħalhom sabiex jipprovdu kontroll ta' l-ambjent jew privatezza huwa permess taħt din il-klassi fiż-żoni kollha,

ħlief fi propjetà li fiha nfisha hi propjetà skedata, mingħajr il-ħtieġa ta' notifika stabbilita f'subartikolu 5(1), basta dawn ma jidhrux minn barra l-bini.

3. Minkejja dak kollu li hemm fil-provvediment ta' l-artikolu 1 taħt din il-klassi, l-iżvilupp deskritt igħodd biss jekk dan ma jimplikax ħsara diretta jew indiretta lil bini storiku, monumenti eżistenti, fdal arkeoloġiku inklużi sotterrani u xeltrijiet, ġwiebi, mini ta' l-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u pavimenti tal-ġebel.

4. Għall-finijiet ta' din il-Klassi:

"tinda" tfisser struttura magħmula minn drapp, plastika jew materjali bħalhom.